# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 193

Volum 63

Edizzjoni bil-Malti Informazzjoni u Avviżi 9 ta' Ġunju 2020

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2020/C 193/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9814 — Firmenich/Les Dérivés Résiniques et Terpéniques) ([1]) ..... 1

2020/C 193/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9413 — Lactalis/Nuova Castelli) ([1]) ..... 2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**il–Kunsill**

2020/C 193/03 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti ..... 3

2020/C 193/04 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur ..... 11

2020/C 193/05 Konklużjonijiet tal-Kunsill li jemendaw il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2019–2022) ..... 20

2020/C 193/06 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel ..... 23

2020/C 193/07 Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ..... 29

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

### Il-Kummissjoni Ewropea


2020/C 193/08 Rata tal-kambju tal-euro — It-8 ta’ Ġunju 2020 ..... 30


### Il-Qorti tal-Awdituri


2020/C 193/09 Rapport Speċjali Nru 13/2020 Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis ..... 31


---

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### Il-Kummissjoni Ewropea


2020/C 193/10 Notifika minn qabel ta’ konċentrazzjoni (Il-Każ M.9843 — Colony Capital/PSP/NGD) ([1]) ..... 32


ATTI OĦRAJN

### Il-Kummissjoni Ewropea


2020/C 193/11 Pubblikazzjoni ta’ applikazzjoni għall-approvazzjoni ta’ emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 34

2020/C 193/12 Avviż dwar talba li tikkonċerna l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE Estensjoni tal-perjodu għall-adozzjoni ta’ atti ta’ implimentazzjoni ..... 49


---

([1]) Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

### (Il-Każ M.9814 — Firmenich/Les Dérivés Résiniques et Terpéniques)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 193/01)

Fis-26 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32020M9814. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.9413 — Lactalis/Nuova Castelli)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 193/02)

Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32019M9413. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

## Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti

(2020/C 193/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

1. Jenħtieġ li ż-żgħażagħ kollha jkollhom opportunitajiet indaqs fil-kuntest tal-iżvilupp personali u professjonali tagħhom, irrispettivament mill-ostakli, inkluż l-isfidi ġeografiċi. Dawn l-isfidi jikbru fi żminijiet ta' kriżijiet globali bħall-coronavirus ġdid (COVID-19), li jġibu magħhom tfixkil fis-soċjetà u konsegwenzi ekonomiċi, u jistgħu wkoll idgħajfu u jiżolaw liż-żgħażagħ.

2. L-Aġenda Strateġika tal-UE 2019–2024 ([1]) tirrikonoxxi li l-inugwaljanzi, li jaffettwaw liż-żgħażagħ b'mod partikolari, huma ta' riskju politiku, soċjali u ekonomiku kbir; qed jiżviluppaw firdiet ġenerazzjonali, territorjali u edukattivi u qed jitfaċċaw forom ġodda ta' esklużjoni.

3. Sa ftit żmien ilu, kważi terz tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'territorju rurali, inkluż numru sinifikanti ta' żgħażagħ ([2]). Huwa ċar li hemm id-differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tad-densità tal-popolazzjoni u l-istruttura demografika, kemm f'żoni rurali kif ukoll f'żoni remoti. Min-naħa l-oħra, l-urbanizzazzjoni bħala waħda mill-ixpruni ewlenin tal-bidla titqies li għandha impatt sinifikanti fuq il-politiki futuri tal-UE ([3]).

4. Il-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea qed tixjieħ. Dan il-proċess huwa aktar evidenti f'żoni rurali u remoti u, bħala konsegwenza, dawn iż-żoni għandhom sehem akbar ta' persuni akbar fl-età fi Stati Membri differenti ([4]). Dawn l-iżbilanċi interġenerazzjonali u ġeografiċi, b'mod partikolari meta kkombinati ma' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ifqar, joħolqu sfidi għall-ħolqien u ż-żamma ta' servizzi ta' appoġġ komprensivi u infrastrutturi ta' servizzi sostenibbli li jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' kulħadd, li sussegwentement jistgħu jħallu effett fit-tul fuq il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà f'żoni rurali u remoti.

5. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ huma fost il-prinċipji gwida li jirfdu l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019 – 2027, li tqis il-fehmiet taż-żgħażagħ kif espressi fl-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ u fil-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ. B'mod partikolari, l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażagħ Nru 6 (Appoġġ għall-Iżvilupp taż-Żgħażagħ Rurali) għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażagħ jaċċessaw id-drittijiet tagħhom u jilħqu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali.

---

([1]) Adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019.

([2]) Skont il-bażi tad-data tal-Eurostat fl-2018, 49,2 % taż-żgħażagħ fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena kienu qed jgħixu f'żoni rurali. (il-popolazzjoni tal-UE-28 skont il-livell edukattiv milħuq, is-sess, l-età u l-grad ta' urbanizzazzjoni (%))

([3]) https://espas.secure.europarl.europa.eu/orbis/sites/default/files/generated/document/en/ESPAS_Report2019.pdf (Global trends to 2030 – Challenges and Choices for Europe, ESPAS, April 2019).

([4]) https://www.unece.org/fileadmin/DAM/pau/age/Policy_briefs/ECE-WG1-25.pdf (Nota dwar il-Politika tal-UNECE dwar it-Tixjiħ Nru. 18 (2017)).

6. Il-kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi ġew identifikati miż-żgħażagħ bħala wieħed mill-oqsma li l-UE jeħtieġ li tindirizza bħala prijorità ewlenija ([5]). Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija waħda mill-fatturi ewlenin fit-tfassil tal-politiki futuri ([6]). Peress li l-iżvilupp rurali u l-fondi strutturali tal-UE jaqdu rwol importanti fil-kisba tal-objettivi ambjentali tal-UE kif ukoll fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati opportunitajiet addizzjonali relatati ma' setturi bħall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd jew it-turiżmu għaż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW:

7. L-opportunitajiet li għandhom żoni rurali u remoti ([7]), bħal kemm huma qrib tan-natura, spejjeż tal-abitazzjoni aktar baxxi ([8]) u sens akbar ta' appartenenza f'komunità ([9]).

8. Ir-restrizzjonijiet imposti mid-diffikultajiet tal-aċċessibbiltà għal ħafna żoni rurali u remoti u lura minnhom, inkluż xi gżejjer ([10]) madwar l-UE kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni ([11]) u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej ([12]).

9. Il-proċess tal-urbanizzazzjoni u l-effetti possibbli tiegħu fuq iż-żoni rurali u remoti, speċjalment fir-rigward tal-proporzjon tal-popolazzjoni (persuni aktar żgħażagħ/akbar fl-età, nisa/irġiel ([13]), gradwati żgħażagħ/żgħażagħ mhux gradwati) u l-ħtieġa li jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi u kummerċjali, l-attivitajiet li jitwettqu fil-ħin liberu, l-impjiegi u l-edukazzjoni ta' kwalità, l-infrastrutturi diġitali u fiżiċi, it-trasport pubbliku, l-abitazzjoni, il-faċilitajiet soċjali u tas-saħħa kif ukoll is-sostenibbiltà tar-riżorsi naturali.

10. L-importanza li jiġu inklużi l-ideat, l-opinjonijiet u l-kreattività taż-żgħażagħ fl-Istati Membri, inkluż dawk li nġabru matul is-Seba' Ċiklu ta' konsultazzjonijiet dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ, kif ukoll il-kontributi li saru matul il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażagħ li saret f'Zagreb f'Marzu 2020 ([14]) fil-qafas tas-sottotema speċifika "Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ Rurali".

11. Iż-żgħażagħ li huma NEET ([15]) f'żoni rurali u remoti u l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-prospetti tagħhom għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg, peress li huma f'riskju ogħla li jkollhom inqas opportunitajiet ([16]) u li jiġu affettwati aktar mill-kundizzjonijiet tal-ekonomija ([17]) meta mqabbla ma' dawk iż-żgħażagħ li huma NEET f'reġjuni urbani.

12. L-impenn tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-miri tal-insedjamenti umani u dawk relatati maż-żgħażagħ.

---

([5]) https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/FLASH/surveyKy/2224 (Ewrobarometru 478).

([6]) Ibid in-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

([7]) Ara d-definizzjonijiet ta' "żoni rurali" u "żoni remoti" fl-Anness.

([8]) Is-sehem ta' nies mgħobbija żżejjed bl-ispejjeż tal-abitazzjoni huwa aktar baxx fiż-żoni rurali tal-UE (Statistika Ewropea dwar ir-reġjuni u l-bliet, 2018).

([9]) Eurofound (2019), Is rural Europe being left behind? (L-Ewropa rurali qed taqa' lura?), Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja tal-2016, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

([10]) Gżejjer żgħar abitati li mhumiex reġjuni ultraperiferiċi jew Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (PTEE) iżda li l-aċċess għalihom huwa diffiċli minħabba n-nuqqas ta' pontijiet ta' konnessjoni, skarsezza tat-trasport bl-ajru u dak marittimu jew fatturi simili oħra (ara d-definizzjoni ta' "żoni remoti" fl-Anness).

([11]) Dawk elenkati fl-Art. 349 TFUE.

([12]) Dawk elenkati fl-Anness II TFUE.

([13]) In-nisa fiż-żoni rurali tal-UE jammontaw għal inqas minn 50 % tal-popolazzjoni rurali totali u jirrappreżentaw 45 % tal-popolazzjoni ekonomikament attiva. Skont l-analiżi, l-impjieg tan-nisa fir-reġjuni rurali tal-UE (klassi ta' età 15-64) żdied bi kważi 2 % fil-perijodu ta' bejn l-2013 u l-2017 (L-istatus professjonali tan-nisa rurali fl-UE, Parlament Ewropew, 2019).

([14]) https://mdomsp.gov.hr/UserDocsImages/Vijesti2020/Creating%20Opportunities%20for%20Youth%20-%20outcomes%20report%2027%20mar%202020.pdf

([15]) Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ

([16]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Statistics_on_young_people_neither_in_employment_nor_in_education_or_training#NEETs:_analysis_by_degree_of_urbanisation

([17]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Archive:Impact_of_the_economic_crisis_on_unemployment.

13. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ bħala strument siewi biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-ambjenti rurali u urbani, minħabba l-potenzjal tagħha biex tgħin tinvolvi liż-żgħażagħ (li jkunu ġejjin minn gruppi differenti ta' età u minn sfondi differenti), inkluż dawk li huma f'riskju li jiġu esklużi, f'tipi differenti ta' attivitajiet fi ħdan il-komunitajiet lokali rispettivi tagħhom.

14. L-opportunitajiet ta' impjieg offruti permezz ta' attivitajiet intraprenditorjali, inkluż l-involviment f'intrapriżi soċjali ([18]). Din tal-aħħar hija għodda li tippermetti liż-żgħażagħ jindirizzaw sew l-isfidi soċjali u dawk relatati mal-impjieg u toffri l-possibbiltà li r-riżorsi naturali u umani eżistenti jintużaw b'mod effettiv u sostenibbli.

15. F'dan il-kuntest, l-attivitajiet fi ħdan l-Ekonomija Soċjali u Solidali (SSE) ([19]), li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali taż-żoni rurali u remoti, u konsegwentement jagħmluha possibbli li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

16. Il-volontarjat, bħala wieħed mill-espressjonijiet taċ-ċittadinanza attiva li jista' jgħin jiżgura l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti kif ukoll jippromwovi s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet f'żoni rurali u remoti, b'mod partikolari biex jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-komunitajiet biex dawn jiffaċċjaw sitwazzjonijiet negattivi u kriżijiet bħall-COVID-19.

17. Il-kooperazzjoni transkonfinali bejn iż-żoni remoti u rurali fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Istati Membri li tista' tappoġġa l-iżvilupp tagħhom, u b'hekk tagħti opportunitajiet addizzjonali liż-żgħażagħ fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ix-xogħol, is-saħħa, l-attivitajiet soċjali u dawk li jitwettqu fil-ħin liberu.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX:

18. Jippromwovu approċċi transettorjali meta jkunu qed jiżviluppaw politiki dwar iż-żgħażagħ u strateġiji relatati li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-inugwaljanzi bejn iż-żoni urbani u dawk rurali/remoti.

19. Jinkludu pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri fl-istrateġiji u l-politiki rilevanti, fejn xieraq, li jirriflettu l-perspettiva u l-fehmiet taż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri jiġu żviluppati abbażi tal-għarfien, l-evidenza, l-aħjar prattiki, il-konsultazzjonijiet maż-żgħażagħ infushom kif ukoll id-data miġbura u diżaggregata, inkluż skont is-sess, id-diżabbiltà u perspettivi rilevanti oħra, b'mod partikolari fejn is-servizzi u/jew l-infrastrutturi rilevanti huma nieqsa minnhom jew jeħtieġ li jittejbu.

20. Jippromwovu mudelli effettivi ta' kooperazzjoni intermuniċipali fil-qasam taż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti sabiex jiżdied l-għarfien u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u l-evidenza fost il-fornituri ta' servizzi differenti.

21. Jippromwovu u jiffaċilitaw iċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ li jkunu ġejjin minn sfondi differenti f'żoni rurali u remoti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom permezz ta' għodod xierqa, bħal kunsilli lokali taż-żgħażagħ u modi innovattivi/alternattivi ta' parteċipazzjoni; irawmu l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjoni rilevanti fil-livelli kollha, fejn xieraq, filwaqt li jwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi (analogi jew diġitali) bħala għodda biex jikkomunikaw maż-żgħażagħ; jinkoraġġixxu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jiffaċilitaw ix-xogħol ta' organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażagħ; u jappoġġaw lill-atturi rilevanti li jipprovdu attivitajiet ta' ħidma fost iż-żgħażagħ fil-livelli kollha, inkluż sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ.

22. Jippromwovu u jtejbu aktar il-fehim, id-djalogu u s-solidarjetà interġenerazzjonali sabiex jappoġġaw skambji bejn il-ġenerazzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju reċiproku, u jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ biex isiru u jibqgħu involuti b'mod attiv fil-ħajja tal-komunitajiet lokali f'żoni rurali u remoti, inkluż f'azjendi agrikoli tal-familja.

([18]) Ara d-definizzjoni fl-Anness.
([19]) Ara d-definizzjoni fl-Anness.

23. Jippromwovu aktar attivitajiet aċċessibbli ta' volontarjat u ta' solidarjetà bħala għodda għall-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha, speċjalment dawk f'żoni rurali u remoti.

24. Jagħmlu sforz akbar biex jiżguraw mezzi tat-trasport pubbliku li jkunu regolari, sostenibbli u affordabbli sabiex ikun hemm konnessjoni aħjar bejn iż-żoni urbani u dawk rurali u remoti.

25. Fejn xieraq, itejbu l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inkluż konnessjoni broadband b'veloċità għolja, sabiex jiżdied l-aċċess għall-użu ta' teknoloġiji u servizzi diġitali.

26. Fejn xieraq, jippromwovu l-ħolqien ta' spazji għaż-żgħażagħ ([20]) jew, fejn rilevanti, jaġġornaw dawk eżistenti kif ukoll l-aċċess remot għaż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti għal tipi differenti ta' servizzi, inkluż servizzi ta' ħidma għaż-żgħażagħ, bħal ħidma diġitali u intelliġenti fost iż-żgħażagħ; barra minn hekk, jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' servizzi mobbli differenti, bħal dawk għall-ħin liberu u ta' konsulenza, kif ukoll ta' ċentri ta' servizz multifunzjonali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FI ĦDAN L-OQSMA TA' KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

27. Jippromwovu sinerġiji bejn inizjattivi u strumenti differenti tal-UE fil-qasam taż-żgħażagħ u lil hinn minnu, bħall-Erasmus+, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fond Soċjali Ewropew jew l-Interreg tal-UE ([21]), bil-għan ta' sensibilizzazzjoni msaħħa għaż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti, il-faċilitazzjoni tal-aċċess tagħhom għal dawn il-programmi, u s-simplifikazzjoni amministrattiva, bħala mezz biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw.

28. Jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki filwaqt li jintużaw l-opportunitajiet ipprovduti minn programmi u politiki relatati maż-żgħażagħ bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, kif ukoll strumenti rilevanti oħra tal-UE bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, sabiex jittejbu l-impjegabbiltà, il-mobbiltà u l-parteċipazzjoni, kif ukoll biex jiġu promossi l-valuri tal-UE ([22]); biex jiġu kondiviżi l-prattiki fl-iżvilupp tas-solidarjetà u tal-komunità, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi; u biex tiżdied il-koeżjoni soċjali fil-komunitajiet rurali u remoti.

29. Jorganizzaw attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, bħal seminars, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari jew forom rilevanti oħra ta' kooperazzjoni formali u mhux formali li jistgħu jinvolvu lil partijiet ikkonċernati minn oqsma ta' politika differenti, inkluż żgħażagħ li jkunu ġejjin minn sfondi ġeografiċi u kulturali differenti, sabiex tiġi esplorata l-kooperazzjoni transsettorjali u intrareġjonali fl-aċċess għas-servizzi.

30. Ikomplu jippromwovu l-attraenza taż-żoni rurali u remoti, b'enfasi speċifika fuq il-benefiċċji u l-opportunitajiet tagħhom fir-rigward tar-riżorsi naturali disponibbli, fejn xieraq, u l-użu sostenibbli tagħhom sabiex jiżdied l-għarfien dwar il-potenzjal għal attivitajiet intraprenditorjali u tal-SSE ([23]), b'kont meħud li l-attivitajiet agrikoli eżistenti, fejn rilevanti, jenħtieġ li jiġu ppreservati u promossi kemm jista' jkun.

31. Jagħmlu sforz akbar biex itejbu l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-kunfidenza fost iż-żgħażagħ biex dawn jidħlu fid-dinja tan-negozju, fejn xieraq b'enfasi fuq in-nisa żgħażagħ ([24]), b'kont meħud tal-potenzjal għal attivitajiet ta' intraprenditorija u tal-SSE f'żoni rurali u remoti.

([20]) Ara d-definizzjoni fl-Anness
([21]) https://interreg.eu/
([22]) Kif stabbilit fl-Art. 2 TUE.
([23]) Ara d-definizzjoni fl-Anness.
([24]) Ibid nota 13 f'qiegħ il-paġna.

32. Jieħdu kont tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, u b'mod partikolari l-aħħar rapporti xjentifiċi dwar it-tnejn li huma, meta jifformulaw politiki u miżuri futuri relatati maż-żgħażagħ għal żoni rurali u remoti, u, fejn xieraq, jipprovdu edukazzjoni, taħriġ u aċċess rilevanti għall-informazzjoni sabiex jiżdied l-għarfien u titrawwem il-parteċipazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi fost iż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

33. Fejn xieraq, jagħmlu sforz akbar biex iħeġġu liż-żgħażagħ jinvolvu ruħhom f'attivitajiet agrikoli ([25]) u ekonomiċi oħra f'żoni rurali u remoti, bis-saħħa ta' mezzi differenti bħal għotjiet biex jinbeda negozju, inċentivi fir-rigward tad-dħul, inizjattivi li ż-żgħażagħ jieħdu minn jeddhom u edukazzjoni u taħriġ immirati lejhom.

34. Jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti bl-għan ġenerali li jiġi sodisfatt id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi għaż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u ż-żieda fl-opportunitajiet għal aċċess ugwali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u x-xogħol.

35. Jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali kif ukoll opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali u xogħol fost iż-żgħażagħ biex itejbu l-livell ġenerali tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, kif ukoll jevitaw l-iżolament taż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti u jtaffu l-impatt ta' kriżijiet bħall-COVID-19, pereżempju billi jiffaċilitaw l-aċċess għall-Internet u l-apparat tal-ICT ([26]), fejn xieraq, fiż-żoni rurali u remoti kollha.

36. Irawmu l-kooperazzjoni bejn iż-żoni rurali u remoti tal-fruntiera tal-UE, filwaqt li jisfruttaw programmi rilevanti bħall-Interreg tal-UE, sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ lokali.

37. Ikomplu jikkunsidraw u jirriflettu fuq kwistjonijiet li jaffettwaw liż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi attwali - kif ukoll fl-iżvilupp ta' oħrajn ġodda - bħal viżjoni fit-tul għal żoni rurali, u fejn xieraq fil-kuntest ta' attivitajiet relatati mal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa; iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025; il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali aġġornat; il-Patt Klimatiku; u Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

38. Tikkunsidra r-riċerka u l-analiżi, bl-użu ta' għodod eżistenti bħal Youth Wiki, u tiġbor data diżaggregata (inkluż skont is-sess, id-diżabbiltà u perspettivi rilevanti oħra) fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ u l-benesseri tagħhom f'żoni rurali u remoti, sabiex tikkontribwixxi għat-titjib tal-għarfien, l-evidenza u d-data biex tiddefinixxi l-politiki fil-livelli kollha, filwaqt li tqis ukoll il-ħtieġa għall-possibbiltà ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ.

39. Trawwem sinerġiji bejn il-politika taż-żgħażagħ tal-UE u politiki u programmi rilevanti oħra tal-UE, pereżempju fir-rigward tal-iżvilupp rurali, l-agrikoltura u l-koeżjoni soċjali, inkluż bil-promozzjoni tal-adozzjoni tal-eżiti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ f'dan ir-rigward.

40. Tippromwovi l-attenzjoni dovuta għall-isfidi iffaċċjati miż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti fis-segwitu tal-attivitajiet fil-qafas tas-Sħubija għaż-Żgħażagħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa ([27]).

([25]) Pereżempju, 6 % biss tal-azjendi agrikoli kollha fl-Unjoni Ewropea huma mmexxija minn bdiewa li għandhom taħt il-35 sena u hija sfida sinifikanti biex aktar żgħażagħ jiġu persważi jidħlu fil-qasam tal-biedja (https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/income-support/young-farmers_en).

([26]) Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

([27]) https://pjp-eu.coe.int/en/web/youth-partnership

JISTIEDEN LIS-SETTUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-UE ([28]) BIEX:

41. Jikkontribwixxi għall-isforzi ta' sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ u l-popolazzjoni ġenerali f'żoni rurali u remoti fir-rigward tal-opportunitajiet fi ħdan il-komunitajiet lokali tagħhom, bil-ħsieb li minn naħa waħda jippromwovi opportunitajiet professjonali u relatati max-xogħol, filwaqt li min-naħa l-oħra, jużа l-miżuri disponibbli fis-settur biex jiġġieled kontra l-isterjotipi dwar iż-żgħażagħ rurali u jippromwovi b'mod proattiv stampa pożittiva taż-żgħażagħ f'żoni rurali u remoti.

42. Jużа kemm jista' jkun l-opportunitajiet ipprovduti mill-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u programmi rilevanti oħra tal-UE sabiex l-irġiel u n-nisa żgħażagħ f'żoni rurali u remoti jilħqu l-potenzjal tagħhom.

---

([28]) Ara d-definizzjoni fl-Anness.

*ANNESS*

## A. **Referenzi**

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jieħdu nota tad-dokumenti li ġejjin:

— L-Aġenda Strateġika tal-UE 2019–2024 ([1]).

— Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 (2018/C 456/01) ([2])

— Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-aċċess taż-żgħażagħ minn inħawi żvantaġġati għad-drittijiet soċjali) (CM/Rec (2015)3) – Kunsill tal-Ewropa ([3])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ ([4])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żgħażagħ u l-Futur tax-Xogħol ([5])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Persuni li Jaħdmu Żgħażagħ ([6])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażagħ fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fi ħdan l-UE ([7])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ ([8])

— Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażagħ ([9])

— Is-Seba' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ: Sejbiet mill-Attivitajiet tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ fl-Istati Membri u madwar l-Ewropa - Il-Ħolqien ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ ([10])

— European Charter on Local Youth work (Il-Karta Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażagħ Lokali) (EGL) ([11])

— Strateġija ta' Inklużjoni u Diversità tal-Erasmus+ fil-Qasam taż-Żgħażagħ) (2014) ([12])

— L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ([13])

— Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ([14])

— Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([15])

## B. **Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dawn il-Konklużjonijiet, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

***"Żoni rural"***

Komunitajiet amministrattivi lokali li ma jagħmlux parti minn raggruppamenti urbani, l-aktar ikkaratterizzati minn densità tal-popolazzjoni aktar baxxa, stampa soċjoġeografika u kulturali speċifika, qrubija tar-riżorsi naturali u għalhekk prospetti ekonomiċi differenti, filwaqt li fl-istess ħin għandhom ħtiġijiet identifikati biex jittejbu aktar is-servizzi speċifiċi mmirati lejn iż-żgħażagħ kif ukoll lejn il-popolazzjoni ġenerali.

([1]) https://www.consilium.europa.eu/media/39914/a-new-strategic-agenda-2019-2024.pdf
([2]) ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.
([3]) https://www.coe.int/en/web/youth/-/recommendation-on-the-access-of-young-people-from-disadvantaged-neighbourhoods-to-social-rights
([4]) ĠU C 414, 10.12.2019, p. 2.
([5]) ĠU C 189, 5.6.2019, p. 28.
([6]) ĠU C 412, 9.12.2019, p. 12.
([7]) ĠU C 196, 8.6.2018, p. 16.
([8]) ĠU C 183, 14.6.2014, p. 18.
([9]) ĠU C 418, 7.12.2017, p. 2.
([10]) https://europa.eu/youth/sites/default/files/euyd_youth_dialogue_findings_-_version_for_general_release_24th_feb_2020_1.pdf
([11]) https://www.europegoeslocal.eu/wp-content/uploads/2019/10/20191002-egl-charter_ENG_online.pdf
([12]) https://ec.europa.eu/assets/eac/youth/library/reports/inclusion-diversity-strategy_en.pdf
([13]) Riżoluzzjoni tal-AĠNU A/RES/70 tal-25 ta' Settembru 2015.
([14]) ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.
([15]) ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

***"Żoni remoti"***

Komunitajiet amministrattivi lokali u reġjonali, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jagħmlux parti minn raggruppamenti urbani kkaratterizzati minn diffikultajiet fl-aċċess fiżiku, l-aktar minħabba d-distakk ġeografiku/naturali (gżejjer u/jew muntanji, fost l-oħrajn) flimkien ma' trasport pubbliku limitat jew inqas frekwenti u/jew diffikultajiet fil-konnettività diġitali. Dawn iż-żoni jistgħu jaqsmu l-istess karatteristiċi msemmija hawn fuq taż-"żoni rurali". Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 349 TFUE jitqiesu wkoll bħala żoni remoti.

***"Intrapriża soċjali"***

Operatur fl-ekonomija soċjali li l-objettiv prinċipali tiegħu huwa li jkollu impatt soċjali, soċjetali jew ambjentali għall-interess ġenerali aktar milli jagħmel profitt għas-sidien jew l-azzjonisti tiegħu. Topera billi tipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq b'mod intraprenditorjali u innovattiv u primarjament tuża l-profitti tagħha biex tikseb objettivi soċjali. Hija amministrata b'mod miftuħ u responabbli u, b'mod partikolari, tinvolvi l-impjegati, il-konsumaturi u l-partijiet ikkonċernati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħha ([16])

***"Ekonomija Soċjali u Solidali (SSE)"***

Intrapriżi u organizzazzjonijiet (kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali) li jipproduċu oġġetti, servizzi u għarfien li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità li jaqdu, permezz tas-segwitu ta' objettivi soċjali u ambjentali speċifiċi u t-trawwim tas-solidarjetà ([17]).

***"Spazji għaż-Żgħażagħ"***

Faċilitajiet fiżiċi u infrastrutturi mmexxija miż-żgħażagħ definiti bħala li jkunu awtonomi, miftuħa u sikuri, aċċessibbli għal kulħadd, li joffru appoġġ professjonali għall-iżvilupp u li jiżguraw opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ([18])

***"Settur taż-Żgħażagħ tal-UE"***

Is-settur taż-Żgħażagħ tal-UE ġeneralment jirreferi għat-totalità tal-organizzazzjonijiet, dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-membri tal-akkademja, is-soċjetà ċivili taż-żgħażagħ jew esperti oħra involuti fl-iżvilupp tal-politika taż-żgħażagħ li jwettqu attivitajiet u proġetti rilevanti għaż-żgħażagħ fl-UE ([19]).

---

([16]) Inizjattiva ta' Negozju Soċjali — SEC (2011)1278 final.
([17]) Definizzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).
([18]) Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2019-2027, Anness 3 dwar l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażagħ, Għan 9, ir-raba' mira (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 16).
([19]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żgħażagħ u l-Futur tax-Xogħol (ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna).

## Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur

(2020/C 193/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-kuntest politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

1. L-edukazzjoni u t-taħriġ isawru l-umanità u għandhom rwol trasformattiv kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà. Huma importanti għall-involviment soċjali, ekonomiku, demokratiku u kulturali taċ-ċittadini, kif ukoll għat-tkabbir, l-iżvilupp sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-prosperità fl-Unjoni. Edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità rilevanti**,** inklużivi u ekwi mhux biss jipprovdu liċ-ċittadini b'għarfien, ħiliet u kompetenzi f'konformità ma' żviluppi attwali u futuri, iżda wkoll isawru l-attitudnijiet, il-valuri u l-imġiba tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jirnexxu professjonalment u personalment u jkunu parteċipanti attivi u responsabbli fis-soċjetà.

2. L-għalliema u l-ħarrieġa ([1]), fil-livelli kollha u f'kull tip ta' edukazzjoni u taħriġ, huma forza indispensabbli li tixpruna l-edukazzjoni u t-taħriġ. Huma għandhom rwol kruċjali fit-tħejjija ta' individwi minn kull ambjent u ta' kull età biex jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fid-dinja tal-lum, kif ukoll biex joħolqu u jmexxu bidliet futuri.

3. Fil-kuntest ta' bidliet kostanti soċjali, demografiċi, kulturali, ekonomiċi, xjentifiċi, ambjentali u teknoloġiċi, id-dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ qiegħda tinbidel, u l-istess jgħodd għall-professjoni tal-għalliema u tal-ħarrieġa li qed tiffaċċa eżiġenzi, responsabbiltajiet u aspettattivi li qed jiżdiedu. L-innovazzjonijiet u l-isfidi kontinwi għandhom effett mhux biss fuq il-kompetenzi meħtieġa, iżda wkoll fuq il-benesseri tal-għalliema u l-ħarrieġa u l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim.

4. L-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej huma s-sisien taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, bi rwol ċentrali fil-promozzjoni tad-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim ([2]), biex l-istudenti jiġu appoġġati biex jifhmu u jesperjenzaw is-sens ta' identità u appartenenza Ewropea.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

5. Il-kriżi attwali kkawżata mill-COVID-19 ġabet sfida bla preċedent għall-għalliema u l-ħarrieġa fil-livelli kollha u f'kull tip ta' edukazzjoni u taħriġ. Huma kienu meħtieġa jersqu rapidament minn tagħlim wiċċ imb'wiċċ għal tagħlim fil-biċċa l-kbira f'distanza, u fil-biċċa l-kbira tagħlim virtwali. F'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, l-għalliema u l-ħarrieġa wrew impenn impressjonanti, kreattività, kollaborazzjoni bejn il-pari u għamlu sforzi sinifikanti biex jiżguraw li kemm it-tagħlim kif ukoll il-progress tal-istudenti jkomplu, inkluż billi jipprovdu appoġġ għall-benesseri tagħhom.

KONXJU LI:

6. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jinkludi wkoll il-professjoni tat-tagħlim, ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni u l-kontenut tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom rekwiżiti differenti f'termini ta' tipi u livelli ta' kwalifiki meħtieġa għall-aċċess u l-progress fil-professjoni tat-tagħlim ([3]).

---

([1]) Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, *għalliem* huwa persuna li huwa rikonoxxut li għandu l-istatus ta' għalliem (jew ekwivalenti) skont il-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali, filwaqt li *ħarrieġ* huwa xi ħadd li jwettaq attività waħda jew aktar marbuta mal-funzjoni ta' taħriġ (teoretika jew prattika), jew f'istituzzjoni għall-edukazzjoni jew it-taħriġ jew fuq il-post tax-xogħol. Huma jinkludu għalliema fl-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja, għalliema u ħarrieġa fil-VET inizjali u kontinwi, kif ukoll professjonisti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u edukaturi għall-adulti.

([2]) Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim.

([3]) Fl-UE, it-tagħlim ġeneralment jeħtieġ kwalifika terzjarja. L-aktar rekwiżit komuni minimu għat-tagħlim fil-livell primarju huwa l-lawrja ta' baċellerat. Biex jgħallmu fis-sekondarja tal-ewwel livell, nofs is-sistemi tal-UE jistabbilixxu l-kwalifika minima fil-livell ta' master. Biex jgħallmu fl-iskejjel sekondarji tat-tieni livell, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, l-għalliema jeħtieġu lawrja ta' master's bħala kwalifika minima. (ET Monitor 2019, p. 24) Madankollu, fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal hemm rekwiżiti differenti għall-kwalifiki minimi madwar l-Ewropa. F'xi pajjiżi, hemm l-istess rekwiżiti ta' kwalifiki minimi għall-membri kollha tal-persunal, filwaqt li f'oħrajn huma meħtieġa kwalifiki differenti għal pożizzjonijiet u profili differenti. Il-kwalifiki terzjarji spiss mhumiex meħtieġa għall-membri kollha ta' tim ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal. (Key data on early childhood education and care in Europe, (Data ewlenija dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fl-Ewropa), Rapport Eurydice, 2019, p. 71 - 72)

7. It-tlestija ta' livelli ogħla ta' edukazzjoni u taħriġ tista' tipprovdi lill-għalliema u l-ħarrieġa prospettivi b'sett aktar komprensiv ta' kompetenzi, inkluż dawk meħtieġa biex tiġi żviluppata l-awtonomija professjonali fil-prattiki ta' tagħlim tagħhom. Dan jista' mbagħad jikkontribwixxi għal aktar sodisfazzjon fix-xogħol, kif ukoll għall-perċezzjoni tal-valur u r-rispett lejn il-professjoni ([4]).

8. L-għalliema u l-ħarrieġa għandhom ir-responsabbiltà li jiffaċilitaw il-kisba ta' kompetenzi ewlenin ([5]) u ħiliet professjonali mill-istudenti, mhux biss biex jippreparawhom biex iwettqu b'suċċess impjiegi futuri — li wħud minnhom għadhom lanqas biss huma magħrufa — iżda wkoll biex irawmu r-responsabbiltà soċjali u l-impenn ċiviku tagħhom, biex jittrasmettu l-valuri umani, kif ukoll biex jappoġġaw it-tkabbir u l-benesseri personali tagħhom.

9. L-għarfien espert pedagoġiku u dak relatat mas-suġġett tagħhom, kif ukoll l-impenn, l-entużjażmu, is-sodisfazzjon fix-xogħol tagħhom u l-fiduċja fihom infushom, għandhom impatt fuq r-riżultati tat-tagħlim, il-progress u l-benesseri tal-istudenti. Billi jservu ta' mudelli għat-tagħlim tul il-ħajja, l-għalliema u l-ħarrieġa jistgħu jimmotivaw l-involviment u r-responsabbiltà tal-istudenti għat-tagħlim tul il-ħajja tagħhom stess, filwaqt li jistimulaw l-interess tagħhom u jinkoraġġixxu l-kurżità u l-kreattività.

10. Bħala reazzjoni għal rwoli, responsabbiltajiet u aspettattivi differenti u dejjem aktar esiġenti għall-istudenti, il-mexxejja tal-istituzzjonijiet, dawk li jfasslu l-politika, il-ġenituri u l-komunitajiet, fejn applikabbli u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-għalliema u l-ħarrieġa jeħtieġ li jibqgħu impenjati u appoġġati biex jirrispondu b'mod effettiv għall-bidliet u l-isfidi. Dawn l-isfidi jistgħu jkunu preżenti fi grad differenti fi Stati Membri differenti, u huma speċjalment relatati, iżda mhux limitati għal:

(a) ibbilanċjar ta' aspetti differenti tal-ammont ta' xogħol tagħhom, ħafna drabi l-ġestjoni ta' ħafna kompiti amministrattivi, il-parteċipazzjoni fit-tmexxija istituzzjonali, l-għoti ta' appoġġ u gwida lill-istudenti tagħhom, l-ippjanar u jsibu ż-żmien għall-kollaborazzjoni bejn il-pari u l-iżvilupp professjonali tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin kontinwament jiżviluppaw u jżommu l-kwalità tat-tagħlim tagħhom u r-riżultati tal-apprendiment tal-istudenti;

(b) inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-potenzjal intellettwali, emozzjonali, soċjali u kreattiv tal-istudenti b'mod olistiku, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw il-progress edukattiv tagħhom;

(c) l-użu ta' diversi metodi u prattiki ta' tagħlim ibbażati fuq ir-riċerka, l-integrazzjoni ta' metodi u approċċi innovattivi u diġitali, b'enfasi fuq approċċi ffukati fuq l-istudent u bbażati fuq il-kompetenza, f'konformità mal-ħtiġijiet individwali u li qed jevolvu tal-istudenti, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' tagħlim u jiġi appoġġat il-ħolqien konġunt ta' metodi ta' apprendiment u ta' tagħlim, filwaqt li jiġi żgurat li tali prattiki huma inklużivi, soċjalment ġusti u ekwi;

(d) il-ħidma f'ambjenti li ġew trasformati mit-teknoloġija, id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li tingħata attenzjoni lill-potenzjal pedagoġiku tagħhom u l-użu etiku, sikur u responsabbli tagħhom;

(e) il-ħidma fi klassijiet u ambjenti ta' tagħlim differenti f'termini lingwistiċi u kulturali, bi studenti li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi differenti, bi ħtiġijiet differenti, inkluż ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali ([6]) u salvagwardjar tal-inklużività;

(f) il-parteċipazzjoni fit-tfassil tal-politika, b'mod partikolari fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riformi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż ir-reviżjoni kontinwa tal-kurrikuli;

(g) il-bini ta' atmosfera ta' appoġġ u kostruttiva f'ambjenti ta' tagħlim, inkluż relazzjonijiet pożittivi u ta' appoġġ reċiproku fi ħdan it-timijiet tagħhom u persunal edukattiv ieħor, studenti, familji u impjegaturi, fejn rilevanti;

(h) il-ġestjoni tal-imġiba fil-klassi u potenzjalment il-prevenzjoni ta' tipi differenti ta' vjolenza, inkluż il-vjolenza ċibernetika, li tista' taffettwa b'mod negattiv ir-riżultati u s-saħħa tal-istudenti; barra minn hekk, possibbilment il-ġestjoni ta' mġiba vjolenti diretta lejhom stess;

([4]) Et Monitor 2019 (p. 24).

([5]) Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.

([6]) Abbażi tad-data ta' TALIS 2018, 21 % tal-għalliema jirrapportaw ħtieġa ulterjuri għal taħriġ fit-tagħlim tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali, 16 % fl-użu tal-ICT għat-tagħlim, u madwar 13 % fit-tagħlim f'ambjenti multilingwi u multikulturali (ET Monitor 2019, p. 10). Id-data tissuġġerixxi li l-popolazzjoni Ewropea tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja qed issir ukoll aktar diversa (Eurostudent VI (2016-2018)).

(i) l-għażla ta' għodod, kriterji u metodi xierqa ta' valutazzjoni, allinjati mar-riżultati ta' tagħlim maħsubin, sabiex jingħata feedback ta' kwalità u f'waqtu lil kull student li jista' jiggwida u jtejjeb it-tagħlim ulterjuri tagħhom;

(j) it-tagħlim b'riżorsi spiss limitati, inkluż infrastruttura edukattiva, spazji tat-tagħlim, tagħmir u għodod, inkluż għodod li jippermettu t-tagħlim online, li huma skarsi jew inadegwati.

11. Dawn l-isfidi huma saħansitra aktar esiġenti għall-għalliema u l-ħarrieġa ġodda (li għadhom kif ikkwalifikaw), peress li mill-ewwel snin ta' tagħlim jew taħriġ qed jiffaċċjaw l-istess responsabbiltajiet bħall-kollegi tagħhom li għandhom aktar esperjenza. Barra minn hekk, jistgħu ta' spiss isibu ruħhom jaħdmu f'ambjenti ta' sfida, bħal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'rati ogħla ta' studenti li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomikament żvantaġġati jew ta' migrazzjoni ([7]). L-għalliema u l-ħarrieġa anzjani jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet oħra, pereżempju li jiffaċċjaw distakk bejn il-ġenerazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol.

12. Barra minn hekk, jista' jkun hemm sfidi addizzjonali għall-għalliema u l-ħarrieġa li jaħdmu f'żoni rurali, remoti jew żvantaġġati, bħal dawk relatati mal-iżolament professjonali, infrastruttura limitata inkluż l-infrastruttura diġitali, aċċess għal appoġġ u opportunitajiet għal żvilupp professjonali jew tagħlim ta' klassijiet b'etajiet u livelli differenti. Barra minn hekk, l-għalliema u l-ħarrieġa li jaħdmu f'żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni jistgħu jiffaċċjaw sfidi aktar prominenti relatati mat-tagħlim tal-istudenti minn ambjenti multilingwi, multikulturali u soċjoekonomiċi differenti.

13. Għalkemm ħafna għalliema u ħarrieġa jikkondividu ħafna mill-istess sfidi, hemm ukoll, fi gradi differenti u fi Stati Membri differenti, sfidi speċifiċi relatati ma' livelli u tipi differenti ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż dawn li ġejjin:

(a) fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal:

— diffikultajiet biex jiġu attirati u miżmuma professjonisti tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal kwalifikati u mħarrġa sew;

— it-tixjiħ tal-persunal u l-iżbilanċi bejn is-sessi, b'forza tax-xogħol prinċipalment femminili;

— kondizzjonijiet tax-xogħol mhux attraenti, inkluż proporzjon għoli ta' tfal/persunal, u nuqqas ta' perkorsi ta' karriera attraenti, kif ukoll nuqqas ta' opportunitajiet għal żvilupp professjonali kontinwu;

(b) fl-edukazzjoni skolastika:

— hemm diffikultajiet relatati mal-attirar u ż-żamma ta' studenti b'potenzjal għoli fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema ([8]), kif ukoll biex jiġu attirati gradwati u jinżammu l-għalliema diġà fil-professjoni;

— il-popolazzjoni tal-għalliema qed tixjieħ; hemm ukoll żbilanċi bejn is-sessi, b'għalliema nisa b'mod predominanti, b'mod partikolari f'xi suġġetti u f'xi livelli ta' edukazzjoni; barra minn hekk, il-professjoni tista' ma tkunx kulturalment rappreżentattiva tal-komunità li qed tiġi moqdija;

— dan kollu huwa rifless fin-nuqqas ta' għalliema li ħafna Stati Membri qed jiffaċċjaw, kemm b'mod ġenerali, f'żoni ġeografiċi speċifiċi, f'ċerti oqsma, bħal STEM, jew nuqqas ta' għalliema b'kompetenzi għat-tagħlim ta' studenti bi bżonnijiet speċjali, tagħlim f'ambjent multikulturali jew multilingwi jew tagħlim ta' studenti minn ambjenti soċjoekonomikament żvantaġġati ([9]);

(c) fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:

— l-għalliema u l-ħarrieġa jeħtieġ li jkunu kompetenti fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi u kompetenzi ewlenin, flimkien mat-tagħlim ta' ħiliet u għarfien vokazzjonali u tekniċi aġġornati;

— jista' jkun hemm żieda fil-ħtieġa ta' għalliema u ħarrieġa ta' mudell ibridu li jaħdmu kemm f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kif ukoll f'kumpanniji;

---

([7]) Et Monitor 2019 (p. 21).

([8]) Hemm nuqqas ta' studenti li jirreġistraw fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, kif ukoll rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola (Il-Karrieri tal-Għalliema fl-Ewropa: Aċċess, Progressjoni u Appoġġ, Eurydice, 2018, p. 10).

([9]) Et Monitor 2019, p. 9, 10, 21.

— hemm ukoll il-ħtieġa għal kollaborazzjoni bejn l-għalliema u l-ħarrieġa, b'mod partikolari ħarrieġa fil-kumpanniji, minħabba r-rwoli u r-responsabbiltajiet komplementari tagħhom, speċjalment fl-għoti ta' apprendistati u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

— peress li jista' toffri inċentivi aħjar, ix-xogħol fis-settur privat jista' jkun aktar attraenti minn xogħol f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali;

— ħafna Stati Membri jiffaċċjaw sfidi relatati mat-tixjiħ tal-għalliema u tal-ħarrieġa;

(d) fl-edukazzjoni tal-adulti:

— l-edukaturi tal-adulti għandhom rwol sinifikanti fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi kemm bażiċi kif ukoll professjonali;

— huma jista' jkollhom jindirizzaw l-isfida ppreżentata minn litteriżmu, numeriżmu u diffikultajiet lingwistiċi tal-istudenti jew f'livell baxx ta' esperjenzi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ;

— peress li l-edukaturi tal-adulti spiss jaħdmu ma' gruppi differenti ta' studenti, jeħtieġ li jkunu ppreparati li japplikaw strateġiji u metodi ta' tagħlim differenti u effettivi, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet, tiġi stimulata l-motivazzjoni u jiġu indirizzati modi ta' tagħlim individwali tal-istudenti tagħhom;

— sabiex l-individwi jingħataw is-setgħa li jimpenjaw ruħhom fit-tagħlim għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, ir-rwol tal-għalliema u tal-ħarrieġa jista' jeħtieġ li jiġi rivedut fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom għall-gwida u l-validazzjoni tal-ħiliet miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali;

— l-edukaturi tal-adulti jistgħu jkunu meħtieġa jinvolvu ruħhom ma' impjegaturi fir-rigward ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

— l-edukaturi tal-adulti spiss ma jkunux imħejjija speċifikament biex jgħallmu lill-adulti u jistgħu jaħdmu part-time jew bħala freelancers, u għalhekk il-professjonalizzazzjoni tagħhom tippreżenta sfida sinifikanti għall-iżgurar tal-kwalità tal-edukazzjoni għall-adulti;

(e) fl-edukazzjoni għolja:

— kwalifiki ta' dħul għall-professjoni akkademika spiss ma jiffokawx fuq it-tagħmir tal-kandidati b'ħiliet xierqa ta' tagħlim;

— opportunitajiet fuq skala kbira u sistemiċi għal żvilupp professjonali kontinwu ffokat fuq it-titjib tal-ħiliet tat-tagħlim tal-persunal akkademiku mhumiex fis-seħħ fl-Istati Membri kollha;

— ma tingħatax biżżejjed attenzjoni għall-appoġġ għall-iżvilupp tal-persunal interistituzzjonali, inkluż il-mobbiltà internazzjonali tat-tagħlim, iżda wkoll biex jinbnew komunitajiet ta' prattiki u networks professjonali;

— id-diversità tal-popolazzjoni tal-istudenti teħtieġ l-użu ta' metodi ta' tagħlim differenti bbażati fuq approċċ iċċentrat fuq l-istudent li jista' jkun ta' sfida għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;

— hemm żbilanċi bejn is-sessi f'xi dixxiplini akkademiċi u l-membri tal-persunal femminili huma sottorappreżentati b'mod speċjali fi gradi għolja;

— għalkemm it-tagħlim huwa wieħed mit-tliet missjonijiet tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerka spiss hija aktar apprezzata mit-tagħlim fl-evalwazzjoni fir-rigward tal-progressjoni fil-karriera; aktar tagħlim huwa ta' spiss mitlub minn persunal żagħżugħ u ta' grad medju, minħabba li l-progressjoni fil-karriera spiss tirriżulta f'inqas tagħlim u aktar ħin għal riċerka ([10]).

14. Għalkemm ir-rekwiżiti qed isiru aktar kumplessi u l-professjoni tagħhom qed issir aktar esiġenti, ħafna għalliema u ħarrieġa ma jħossuhomx rispettati jew apprezzati mis-soċjetà ([11]) u l-professjoni qed titlef l-attrattività tagħha f'ħafna Stati Membri.

([10]) L-Immodernizzar tal-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa: Persunal Akkademiku – 2017, Eurydice, 2017.

([11]) Abbażi tad-data ta' TALIS 2018, 18 % tal-għalliema tal-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell fl-UE jqisu li l-professjoni tagħhom hi vvalutata mis-soċjetà, u s-sehem jonqos aktar kemm iqattgħu żmien fil-professjoni, kif jagħmel (f'diversi pajjiżi tal-UE) is-sehem tal-għalliema li xorta jagħżlu li jaħdmu bħala għalliema (ET Monitor 2019, p. 9).

JENFASIZZA LI:

15. Huwa essenzjali li l-kompetenzi tal-għalliema u l-ħarrieġa jkomplu jiġu żviluppati u aġġornati, biex jiġi żgurat l-għarfien espert tagħhom u titheġġeġ l-awtonomija u l-involviment tagħhom, u biex jitrawmu l-benesseri personali u professjonali tagħhom, il-motivazzjoni u s-sens ta' valur, it-tħejjija tagħhom biex jirreaġixxu b'mod adegwat għall-bidla, iżda wkoll jiġu mħeġġa jkunu proattivi u innovattivi fil-professjoni tagħhom.

16. Sabiex isir dak, jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar il-politiki nazzjonali biex jappoġġaw il-ħidma tal-għalliema u l-ħarrieġa b'mod immirat u komprensiv, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti u l-ħtiġijiet ta' taħriġ identifikati mill-għalliema u l-ħarrieġa nnifishom, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' komunitajiet usa' ta' tagħlim, is-sejbiet rilevanti tar-riċerka dwar l-edukazzjoni u l-għanijiet ġenerali tal-politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, huwa ta' benefiċċju li jiġu offruti diversi mudelli ta' taħriġ, inkluż tagħlim wiċċ imb'wiċċ, virtwali, imħallat u bbażat fuq ix-xogħol.

17. Approċċ komplementari u komprensiv huwa meħtieġ fil-livelli kollha u fil-partijiet kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema u l-ħarrieġa. Dan għandu jinkludi r-reklutaġġ u l-għażla tal-istudenti, l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (inkluż it-traineeship), l-induzzjoni u l-mentoraġġ ta' kwalità, kif ukoll il-promozzjoni u l-appoġġ tal-iżvilupp professjonali kontinwu matul il-karrieri tat-tagħlim tagħhom u, jekk rilevanti, il-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-għalliema l-ġodda, billi jingħataw gwida u mentoraġġ addizzjonali, biex jiġi ffaċilitat il-bidu tal-karriera tagħhom u jingħataw għajnuna biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet speċifiċi li qed jiffaċċjaw.

18. F'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, dan jista' jkun ibbażat fuq oqfsa nazzjonali komprensivi, aġġornati u rilevanti ta' kompetenza għall-għalliema u l-ħarrieġa ([12]), żviluppati fi djalogu strutturat u sistematiku mal-partijiet interessati rilevanti, li jirriflettu approċċi, strateġiji u metodi kontemporanji u innovattivi tat-tagħlim, kif ukoll ċirkostanzi emerġenti ġodda fis-soċjetà inġenerali. F'dan is-sens, huwa importanti li l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-għalliema u l-ħarrieġa matul il-continuum professjonali jkopru b'mod aktar sistematiku t-temi u l-opportunitajiet ta' tagħlim relatati max-xogħol f'ambjenti multilingwi u multikulturali, jaħdmu ma' studenti bi bżonnijiet speċjali u minn ambjenti żvantaġġati, pedagoġiji diġitali, żvilupp sostenibbli u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rekwiżiti u l-ħtiġijiet espressi mill-għalliema u l-ħarrieġa nfushom ([13]).

19. L-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u l-ħarrieġa għandu jiġi perċepit bħala prekondizzjoni biex jiġu pprovduti tagħlim u taħriġ ta' kwalità; għalhekk, jenħtieġ li l-għalliema u l-ħarrieġa jiġu mħeġġa jirriflettu fuq il-prattiki u l-ħtiġijiet ta' taħriġ tagħhom, kif ukoll ikunu motivati u appoġġati biex jinvolvu ruħhom billi joffru opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità, kif ukoll jagħtuhom żmien biex jipparteċipaw u jipprovdu inċentivi.

20. It-tisħiħ tar-rabta tal-għalliema u l-ħarrieġa mar-riċerkaturi jista' jkollu effett pożittiv fuq l-iżvilupp professjonali tagħhom u jistimula prattiki ta' tagħlim immexxija mir-riċerka, l-innovazzjoni u t-titjib.

21. Il-mobbiltà transfruntiera, jew fuq terminu qasir jew fit-tul, fiżika, virtwali jew imħallta, hija esperjenza qawwija ta' tagħlim u opportunità siewja fl-iżvilupp tal-kompetenzi soċjali, interkulturali, multilingwi u interpersonali tal-parteċipanti, kemm għall-istudenti fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema kif ukoll għall-għalliema prattikanti u l-ħarrieġa fl-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom. Madankollu, jeżistu ostakli li jfixklu l-mobbiltà kemm tal-istudenti kif ukoll tal-għalliema prattikanti, bħan-nuqqas ta' kompetenzi lingwistiċi, jew biex jinstabu sostituti għall-għalliema prattikanti. Barra minn hekk, il-programmi ta' edukazzjoni inizjali għall-għalliema ħafna drabi juru dimensjoni internazzjonali dgħajfa u livelli baxxi ta' mobbiltà ta' studju u ta' traineeships, meta mqabbla ma' programmi ta' studju f'oqsma oħra ([14]), u hemm sfidi relatati mar-rikonoxximent tal-perijodi ta' mobbiltà barra mill-pajjiż u r-riżultati tat-tagħlim.

([12]) Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej jadottaw oqfsa li jiddeskrivu sett ta' kompetenzi li l-għalliema jeħtieġ li jkollhom jew jiżviluppaw matul il-karriera tagħhom. Fil-prattika, madankollu, oqfsa bħal dawn ivarjaw fil-format, il-livell ta' dettall, il-valur u l-użu (ET Monitor 2019, p. 34).

([13]) Abbażi tad-data ta' TALIS 2018, 21 % tal-għalliema jirrapportaw ħtieġa ulterjuri għal taħriġ fit-tagħlim tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali, 16 % fl-użu tal-ICT għat-tagħlim, u madwar 13 % fit-tagħlim f'ambjenti multilingwi u multikulturali (ET Monitor 2019, p. 10).

([14]) Il-mobbiltà internazzjonali tal-istudenti għalliema matul l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (ikkalkulata bħala l-proporzjon ta' għalliema li qattgħu perijodu ta' studju barra mill-pajjiż bħala parti mill-edukazzjoni inizjali tal-għalliema tagħhom) mhijiex komuni ħafna u tvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (ET Monitor, p. 26).

22. L-opportunitajiet relatati ma’ għażliet ta’ karrieri differenti fil-professjoni tat-tagħlim, li joffru mogħdijiet multipli għall-progressjoni professjonali, jistgħu jżidu l-motivazzjoni għall-aċċess u biex jibqgħu fil-professjoni, kif ukoll il-motivazzjoni għat-tagħlim tul il-ħajja. Huma jistgħu jħeġġu lill-għalliema u l-ħarrieġa biex jibqgħu ddedikati għall-professjoni, u impenjati kemm għall-istudenti tagħhom kif ukoll għat-tagħlim tagħhom stess matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Min-naħa l-oħra, huwa daqstant importanti li l-għalliema u l-ħarrieġa ma jiġux mgħobbija żżejjed b’kompiti amministrattivi b’tali mod li jkun diffiċli għalihom li jiffokaw fuq it-tagħlim.

23. L-għalliema u l-ħarrieġa, kif ukoll il-mexxejja tal-istituzzjonijiet, jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika bl-għarfien, l-għarfien espert u l-għerf prattiku tagħhom. Fl-istess ħin, l-involviment tagħhom fit-tfassil tal-politika jista’ jżid is-sjieda tagħhom, u konsegwentement ikollu effett pożittiv fuq ir-riżultati tal-implimentazzjoni ta’ diversi inizjattivi politiċi u riformi.

24. Il-benesseri tal-għalliema u l-ħarrieġa jinfluwenza s-sodisfazzjon u l-entużjażmu tagħhom f’xogħolhom, u għandu impatt fuq l-attrattività tal-professjoni tagħhom, u sussegwentement fuq il-fatt li jibqgħu fil-professjoni. Huwa fattur importanti fil-kwalità u fil-prestazzjoni, li jikkorrelata mal-motivazzjoni tagħhom stess u mal-motivazzjoni u l-kisbiet tal-istudenti tagħhom.

25. Aspetti importanti ta’ benesseri jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-fehim u l-ġestjoni tal-aspettattivi; l-ammont ta’ xogħol, l-ambjenti tax-xogħol, inkluż is-sikurezza tat-tagħlim u l-apprendiment, u l-kondizzjonijiet tax-xogħol; l-appoġġ disponibbli bejn il-pari u istituzzjonali; relazzjonijiet mal-istudenti, il-ġenituri, il-pari u l-mexxejja tal-istituzzjonijiet; u r-rispett u l-apprezzament mogħtija mill-komunità usa’. Jekk dawn il-fatturi jkunu nieqsa jew mhux esperjenzati b’mod pożittiv, dan jista’ jwassal għal eżawriment fiżiku u emozzjonali, stress u burn-out, b’effett fuq is-saħħa mentali u dik fiżika.

26. Sabiex jiġu appoġġati kemm il-kisba kif ukoll il-benesseri tal-għalliema u l-ħarrieġa, kif ukoll tal-istudenti, ikun ta’ benefiċċju li jinbnew u jiġu promossi komunitajiet tat-tagħlim kollaborattivi, u kultura ta’ tim kollaborattiv bejn l-għalliema u l-ħarrieġa, il-pari tagħhom u l-mexxejja tal-istituzzjoni, l-istudenti, il-ġenituri, u partijiet interessati oħra, bħall-impjegaturi. L-għalliema u l-ħarrieġa ta’ esperjenza jista’ jkollhom rwol importanti bħala mentors għall-kollegi żgħażagħ tagħhom, filwaqt li huma stess jibbenefikaw minn skambju interġenerazzjonali. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi stimulat tagħlim professjonali minn isfel għal fuq, ibbażat fuq il-pari u tiġi promossa tmexxija ta’ tagħlim u parteċipattiva li tibni l-fiduċja, tispira u timmotiva l-persunal edukattiv. Barra minn hekk, kif xieraq, l-evalwazzjoni tista’ tintuża biex jiġi appoġġat it-titjib fil-ħidma tagħhom, billi jingħataw evalwazzjoni kostruttiva u feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom, jiġu stabbiliti kriterji għall-promozzjoni u r-rikonoxximent ta’ dawk li jwettqu kisbiet sinifikanti.

27. Investiment suffiċjenti**,** effettiv u sostenibbli f’għalliema u ħarrieġa huwa investiment fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jinkludi diversi aspetti, bħall-investiment f’opportunitajiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema u l-ħarrieġa, infrastruttura u spazji ta’ tagħlim adegwati, għodod u riżorsi, kif ukoll is-salarji ([15]).

28. Dan kollu ta’ hawn fuq jista’ jiġi kkunsidrat filwaqt li jiġu żviluppati inċentivi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tan-nuqqas ta’ għalliema u ħarrieġa. Possibbiltajiet addizzjonali li jistgħu jiġu esplorati jistgħu jinkludu boroż ta’ studju biex jattiraw studenti għal programmi ta’ studju rilevanti jew reklutaġġ ta’ professjonisti bi kwalifiki li mhumiex fit-tagħlim, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-promozzjoni u l-appoġġ ta’ provvista ta’ kwalità għolja.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B’KONT DEBITU GĦALL-AWTONOMIJA ISTITUZZJONALI, U F’KONFORMITÀ MAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX:

29. Ikomplu jagħmlu aktar sforzi biex jinvolvu lill-għalliema u l-ħarrieġa fil-ħolqien ta’ politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha tat-tfassil tal-politika, b’żieda fil-kollaborazzjoni, it-trawwim tas-sjieda tagħhom tal-proċess, kif ukoll l-awtonomija tagħhom fl-applikazzjoni ta’ dawn il-politiki fil-prattika.

30. Jieħdu kont tal-ħtieġa għal approċċ komprensiv għall-edukazzjoni inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u l-ħarrieġa meta jiżviluppaw politiki relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-għalliema u l-ħarrieġa.

31. Jippromwovu u jappoġġaw parteċipazzjoni akbar mill-għalliema u l-ħarrieġa fl-iżvilupp professjonali kontinwu, b’mod partikolari billi jittieħdu passi ulterjuri biex jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni u l-opportunitajiet, u jirsistu għal evalwazzjonijiet xierqa u rikonoxximent tal-valur tal-iżvilupp professjonali kontinwu bħala element kostitwenti tal-progressjoni fil-karriera.

---

([15]) L-evidenza tissuġġerixxi li s-salarji għandhom impatt fuq ir-reklutaġġ u ż-żamma tal-għalliema u l-ħarrieġa, kif ukoll fuq ir-riżultati tat-tagħlim. Is-salarji tal-għalliema spiss huma inqas mis-salarji medji ta’ ħaddiema oħra li għandhom livell edukattiv terzjarju. (ET Monitor 2019, p. 39 - 40).

32. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jipprovdu opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwi ta' impatt u bbażati fuq ir-riċerka għall-għalliema u l-ħarrieġa, abbażi ta' kollaborazzjoni, osservazzjoni bejn il-pari u tagħlim bejn il-pari, gwida, mentoraġġ u netwerking. Fl-iżvilupp ta' tali opportunitajiet, jekk ikun xieraq, iħeġġu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex iwessgħu l-offerta ta' tagħlim tagħhom, inkluż unitajiet iżgħar ta' tagħlim, bħal dawk li possibbilment iwasslu għal mikrokredenzjali, filwaqt li jitqiesu l-arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

33. Ikomplu jappoġġaw l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom, fit-tisħiħ tal-kompetenzi tal-persunal akkademiku fl-applikazzjoni tal-apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka u ċċentrat fuq l-istudenti, approċċ ta' evalwazzjoni u tagħlim, u l-istabbiliment u s-segwitu ta' proċessi ċari, trasparenti u ġusti għar-reklutaġġ ta' persunal u impjiegi li jirrikonoxxu l-valur tal-attivitajiet tat-tagħlim ([16]), li għandhom jitqiesu wkoll fil-politiki u l-prattiki ta' progress.

34. Jesploraw possibbiltajiet għad-diversifikazzjoni tal-karrieri tal-għalliema u l-ħarrieġa u għall-iżvilupp ta' oqfsa nazzjonali ta' karrieri biex jgħinu fit-twettiq tal-aspirazzjonijiet u l-motivazzjonijiet tal-karriera tagħhom, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' tagħlim tagħhom.

35. Jimmotivaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jintegraw il-mobbiltà tal-għalliema u l-ħarrieġa – fiżika, virtwali jew imħallta – fl-istrateġiji tagħhom ta' tagħlim, żvilupp u internazzjonalizzazzjoni, inkluż l-użu tal-potenzjal ta' għodod Ewropej bħall-e-Twinning u l-EPALE bħala parti integrali tad-dispożizzjoni ta' tagħlim. Jivvalidaw, kull meta jkun possibbli u skont ir-regolamenti nazzjonali u skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba permezz ta' għodod u mobbiltà Ewropej bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema u l-ħarrieġa.

36. Jagħmlu aktar sforzi biex jippromwovu l-mobbiltà kemm fost l-istudenti kif ukoll l-għalliema u l-ħarrieġa prattikanti u jneħħu l-ostakli persistenti bil-ħsieb li jiżdiedu r-rati ta' parteċipazzjoni. F'dan ir-rigward, jinkoraġġixxu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja inkarigati mill-edukazzjoni inizjali tal-għalliema biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-mobbiltà bħala parti mill-offerta ta' tagħlim tagħhom, li tista' tinkludi, kif xieraq, opportunitajiet ta' mobbiltà fi programmi ta' studju. Barra minn hekk, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni f'diversi forom ta' mobbiltà fl-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-ħarrieġa prattikanti, inkluż billi jsiru sforzi biex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għal ħtiġijiet ta' sostituzzjoni.

37. Sabiex jitjiebu l-attrattività u l-istatus tal-professjoni, isir investiment f'miżuri relatati mat-titjib tal-edukazzjoni inizjali u t-taħriġ professjonali kontinwu tagħhom, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-prospetti tal-karriera, kif ukoll miżuri biex jissaħħu aktar ir-reżiljenza u l-benesseri tagħhom, sabiex jiġu appoġġati fl-indirizzar ta' aspetti stressanti tax-xogħol tagħhom. Fl-indirizzar ta' dawn l-aspetti, huwa importanti li jkun possibbli l-involviment effettiv tas-sħab soċjali.

38. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni relatati ma' żviluppi tal-politika dwar l-għalliema u l-ħarrieġa, inkluż l-iżvilupp u r-reviżjoni ta' oqfsa ta' kompetenza nazzjonali għall-għalliema u l-ħarrieġa.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHA U B'KONT DEBITU GĦAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

39. Sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-istudenti u tal-għalliema u l-ħarrieġa prattikanti, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, trawwem djalogu u teżamina l-ostakli, inkluż l-aspetti strutturali, ir-rikonoxximent tar-riżultati ta' perijodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż u l-kwalifiki akkademiċi, u tipprovdi gwida lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex titjieb il-mobbiltà u titwessa' l-perspettiva internazzjonali tal-istudenti għalliema u l-ħarrieġa.

40. Biex tikkomplementa l-isforzi nazzjonali eżistenti, tesplora l-possibbiltà li tiħejja proposta għal qafas Ewropew ta' kompetenza ([17]) rilevanti sabiex jitrawmu l-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-attitudnijiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli, li għandhom jintużaw fuq bażi volontarja.

41. Tappoġġa kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Unjoni, sabiex tissaħħaħ l-edukazzjoni tal-għalliema bbażata fuq ir-riċerka, tiġi appoġġata l-mobbiltà transfruntiera u l-opportunitajiet ta' tagħlim konġunt fi ħdan sekwenza kontinwa tal-iżvilupp professjonali tal-għalliema, pereżempju permezz tal-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni volontarja u netwerking tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell tal-Unjoni, fil-forma ta' akkademiji Ewropej tat-taħriġ tal-għalliema.

([16]) L-istandards 1.3 u 1.5, Standards u Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, 2015.
([17]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11 ta' Diċembru 2019 (p. 19)

42. Sabiex jiġu kkomplementati l-isforzi nazzjonali eżistenti, tiġi esplorata l-possibbiltà tal-iżvilupp ta' linji gwida Ewropej bħala appoġġ li għandu jintuża, fuq bażi volontarja, fil-ħolqien ta' oqfsa ta' karriera fil-livell nazzjonali, li jibnu fuq ir-riżultati tal-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 dwar l-Iskejjel, biex tindirizza l-progressjoni tal-għalliema u l-ħarrieġa f'perspettiva usa' u tipprovdi rispons għall-għanijiet, il-motivazzjoni u l-ambizzjonijiet tagħhom.

43. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tippromwovi l-użu u tikkunsidra l-iżvilupp ulterjuri ta' pjattaformi online eżistenti, bħall-e-Twinning, School Education Gateway u EPALE, u teżamina modi possibbli ta' kif l-użu tagħhom jiġi estiż biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà kemm tal-istudenti kif ukoll tal-għalliema u l-ħarrieġa, bħas-sejbien ta' sħab għal proġetti ta' mobbiltà u billi tiġi pprovduta pjattaforma għat-tħejjija u s-segwitu tal-mobbiltà.

44. Sabiex jitrawwem l-apprezzament, tiġi promossa l-importanza tal-professjoni tat-tagħlim u tingħata viżibbiltà lit-tagħlim ta' kwalità għolja, jiġu investigati l-fattibbiltà u l-valur miżjud tal-introduzzjoni ta' premju Ewropew annwali għal għalliema jew ħarrieġa eċċezzjonali, pereżempju għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-inklużività jew id-dimensjoni Ewropea fit-tagħlim.

45. Tkompli tappoġġa l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għal għalliema u ħarrieġa prospettivi u prattikanti, kif ukoll il-mobbiltà tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-programm Erasmus + u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, u s-suċċessuri tagħhom.

46. Tieħu kont sħiħ ta' dawn il-konklużjonijiet meta tkun qed tiżviluppa proposti għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-qafas strateġiku ġdid għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-kontinwazzjoni tal-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri.

*ANNESS*

## Kuntest politiku

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fil-Kunsill, dwar it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema (15 ta' Novembru 2007)

2. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskola (26 ta' Novembru 2009)

3. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tmexxija effettiva fl-edukazzjoni (25 u 26 ta' Novembru 2013)

4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni effettiva tal-għalliema (20 ta' Mejju 2014)

5. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (17 ta' Frar 2017)

6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti (20 ta' Novembru 2017)

7. European Framework for the Digital Competences of Educators (Qafas Ewropew għall-Kompetenzi Diġitali tal-Edukaturi) (2017)

8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (22 ta' Mejju 2018)

9. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (22 ta' Mejju 2018)

10. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal (22 ta' Mejju 2019)

11. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi (22 ta' Mejju 2019)

12. TALIS — L-Istħarriġ Internazzjonali tal-OECD tal-2018 dwar it-Tagħlim u l-Apprendiment

13. Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, 2019

**Konklużjonijiet tal-Kunsill li jemendaw il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2019–2022)**

(2020/C 193/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019–2022 ([1]),

FILWAQT LI JTENNI li l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli hija azzjoni ewlenija għall-futur tal-Unjoni Ewropea fl-Aġenda Strateġika 2019-2024 ([2]) u jiddikjara mill-ġdid ir-rwol tal-kultura bħala magna għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, kif sottolinjat fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura ([3]),

FID-DAWL TAR-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli ([4]), li l-objettiv tagħha huwa li ssaħħaħ il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli bit-tnedija ta' proċess li ser jinkludi grupp tal-MMK u li ser iwassal għal pjan ta' azzjoni**,** li għandu jithejja mill-Kummissjoni Ewropea f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, dwar id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli fil-livell tal-UE,

JAQBEL, fil-kuntest ta' dan il-proċess, li għandu l-għan li jimmassimizza l-kontribut tal-kultura għas-sostenibbiltà, li jemenda l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2019–2022) billi jżid il-prijorità F dwar il-kultura bħala xprun tal-iżvilupp sostenibbli kif ġej:

Taħt II. PRIJORITAJIET, jiżdied dan li ġej:

"F. **Il-kultura bħala xprun tal-iżvilupp sostenibbli**

L-iżvilupp sostenibbli huwa prijorità politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, u hemm bżonn urġenti li tittieħed aktar azzjoni f'dan ir-rigward. Il-kultura hija intrinsikament marbuta mat-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli kollha kemm huma (ekonomika, soċjali u dik ambjentali), u diversi objettivi fundamentali tal-politiki u tal-miżuri kulturali fil-livell tal-UE jikkonverġu mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU u mal-miri tagħhom, li jiffurmaw is-sinsla tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli: dawn jinkludu t-trawwim tal-inklużjoni, id-diversità, l-identità, il-parteċipazzjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni. L-impatt ta' dawn il-politiki u l-miżuri wkoll jikkumplimenta bis-sħiħ ir-riżultati tal-iżvilupp sostenibbli: saħħa u benesseri mtejba, it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, u r-riġenerazzjoni urbana.

Il-ħtieġa li l-politiki u l-miżuri kulturali jiġu implimentati b'mod sistematiku biex jikkumplementaw l-istrumenti li qegħdin jintużaw bħalissa biex tinkiseb is-sostenibbiltà ġiet indikata fir-Riżoluzzjoni dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri f'Novembru 2019."

([1]) ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12.
([2]) Adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019.
([3]) COM (2018) 267 final.
([4]) ĠU C 410, 6.12.2019, p. 1.

Taħt IV. AZZJONIJIET, jiżdied dan li ġej:

“F. **Il-kultura bħala xprun tal-iżvilupp sostenibbli**

***Suġġett:***

Id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli

***Metodi ta’ ħidma:***

MMK u pjan ta’ azzjoni*

***Raġunament:***

Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kunsill jikkonferma l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u jaqbel li jiżdiedu l-isforzi billi jingħata bidu għal proċess li ser iwassal għal pjan ta’ azzjoni dwar id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea ġiet mistiedna tħejji dan il-pjan ta’ azzjoni f’koordinazzjoni mal-Istati Membri u tintegrah fl-istrateġija ta’ implimentazzjoni tal-UE għall-Aġenda 2030.

L-istabbiliment rapidu ta’ grupp tal-MMK dwar id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli ġie indikat bħala parti minn dan il-proċess fir-Riżoluzzjoni.

***Riżultati mmirati:***

L-azzjoni fil-livell tal-UE mmirata biex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-politiki u l-miżuri kulturali tal-Istati Membri ser timmassimizza l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli. L-integrazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni fl-istrateġija ta’ implimentazzjoni tal-UE għall-Aġenda 2030 twassal għal kisba ta’ koerenza politika msaħħa u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-kultura għas-sostenibbiltà.

* Id-data tal-finalizzazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiddependi fuq ir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Ħidma għall-Kultura 2019–2022; madankollu, jenħtieġ li dan ma jaffettwax l-integrazzjoni tiegħu fl-istrateġija ta’ implimentazzjoni tal-UE għall-Aġenda 2030.”

Taħt l-Anness A, jiżdied dan li ġej:

**“Skeda ta’ żmien indikattiva tal-Pjan ta’ Ħidma għall-Kultura 2019–2022**

| Prijorità | Suġġetti | 2019 | | 2020 | | 2021 | | 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | l-ewwel nofs | it-tieni nofs | l-ewwel nofs | it-tieni nofs | l-ewwel nofs | it-tieni nofs | l-ewwel nofs | it-tieni nofs |
| F. Il-kultura bħala xprun tal-iżvilupp sostenibbli | Id-dimensjoni kulturali tal-iżvilupp sostenibbli | | | | grupp tal-MKK | | eżami. rapport tal-MMK | | pjan ta’ azzjoni [1] |

[1] Id-data tal-finalizzazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni tiddependi fuq ir-riżorsi disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Ħidma għall-Kultura 2019–2022; madankollu, jenħtieġ li dan ma jaffettwax l-integrazzjoni tiegħu fl-istrateġija ta’ implimentazzjoni tal-UE għall-Aġenda 2030.”

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel**

(2020/C 193/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JIKKUNSIDRA:

1. il-kuntest politiku kif jinsab fl-Anness;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

2. il-progress teknoloġiku u diġitali ġab bidliet kbar f'ħajjitna. Pjattaformi ġodda tal-media u l-komunikazzjoni biddlu r-relazzjonijiet soċjali u ta' komunikazzjoni, influwenzaw l-industriji kulturali u kreattivi, biddlu x-xenarju tal-media, u l-mod kif nipproduċu, inqassmu u nikkunsmaw il-kontenut. Dan ħoloq opportunitajiet ġodda importanti biex iċ-ċittadini tal-Ewropa jikkomunikaw u jsibu, joħolqu u jaqsmu tipi differenti ta' kontenut;

3. bidliet diġitali u teknoloġiċi jiġru b'manjiera kontinwa u mhux prevedibbli, u jimponu l-ħtieġa ta' aġġustament kostanti kemm miċ-ċittadini kif ukoll mis-soċjetà. Innovazzjonijiet li jagħmlu d-dinja post aħjar, fosthom id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' pjattaformi tal-media u tal-komunikazzjoni għandhom konsegwenzi li jeħtieġ li jiġu indirizzati;

4. flimkien mal-vantaġġi numerużi u l-effetti pożittivi tal-ekosistema tal-media l-ġdida, dan ġab ukoll żieda fl-ammonti ta' diżinformazzjoni, manipulazzjoni u diskors ta' mibegħda;

5. fl-ekosistema tal-media l-ġdida, iċ-ċittadini mhumiex ilaħħqu mal-informazzjoni u għandu mnejn isibuha diffiċli li jifhmu l-aħbarijiet u li jsibu informazzjoni preċiża u sorsi ta' aħbarijiet ta' min joqgħod fuqhom, kif ukoll kontenut ta' kwalità inġenerali;

6. il-fatt li ċ-ċittadini jirċievu ammont kbir ta' diżinformazzjoni, speċjalment fi żmien ta' kriżi dinjija kbira, bħall-pandemija tal-COVID-19, jenfasizza l-importanza ta' approċċ sistematiku għall-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media, l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn pjattaformi online, esperti u awtoritajiet kompetenti kif ukoll l-importanza li tiġi żviluppata proċedura ta' verifika tal-fatti indipendenti sabiex tillimita t-tixrid ta' kampanji ta' diżinformazzjoni online, filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà tal-espressjoni;

7. id-dinja tal-lum teħtieġ il-kisba ta' għadd kbir ta' għarfien u ħiliet individwali u soċjali ġodda biex ċittadini ta' kull età jkunu jistgħu jkollhom aċċess, jagħżlu, jifhmu u jagħmlu użu sofistikat u responsabbli tal-informazzjoni u ta' forom differenti ta' media, kemm professjonali kif ukoll iġġenerata mill-utent, fuq kull tip ta' mezz u pjattaformi ta' distribuzzjoni jew komunikazzjoni;

8. dawn il-ħiliet kollha jiffurmaw il-litteriżmu fil-media, li jinftiehem bħala espressjoni ġenerali li tinkludi l-kapaċitajiet kollha tekniċi, konjittivi, soċjali, ċiviċi, etiċi u kreattivi li bihom ċittadin ikun jista' jkollu aċċess u juża informazzjoni u media b'mod effettiv, u joħloq u jaqsam kontenut tal-media b'sigurtà u responsabbiltà permezz ta'pjattaformi differenti. Il-litteriżmu fil-media m'għandux ikun limitat għat-tagħlim dwar għodod u teknoloġiji, iżda jeħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jgħammar liċ-ċittadini bil-ħiliet ta' ħsieb kritiku meħtieġa biex jiġġudikaw, janalizzaw realtajiet kumplessi u jagħrfu d-differenza bejn opinjoni u fatti. B'dawn il-kapaċitajiet kollha ċ-ċittadin ikun jista' jieħu sehem fl-aspetti ekonomiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetà kif ukoll jaqdi rwol attiv fil-proċess demokratiku ([1]);

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

9. similarment għal sfidi oħra tad-dinja tal-lum, il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa għal sorsi affidabbli ta' informazzjoni u l-ħtieġa għal trasparenza min-naħa tal-pjattaformi online; l-għoti ta' setgħa liċ-ċittadini bil-ħiliet meħtieġa għall-ġestjoni tad-diżinformazzjoni sar essenzjali;

10. b'kont meħud tal-ammont kbir ta' informazzjoni disponibbli fuq l-internet, l-algoritmi huma kruċjali għall-organizzazzjoni ta' dik l-informazzjoni u jagħmluha possibbli li l-kontenut jiġi mmirat sabiex jipprovdi lill-utenti b'esperjenza rilevanti u personalizzata;

([1]) Abbażi tad-definizzjonijiet li jinsabu fil-missjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Litteriżmu fil-Media u fid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

11. fl-istess ħin, in-nuqqas ta' trasparenza u l-użu ta' algoritmi mingħajr valutazzjonijiet tar-riskju u tal-impatt xierqa jistgħu jaggravaw il-problema tad-diżinformazzjoni u jistimulaw is-sensazzjonaliżmu, il-kontenut estrem u l-ġurnaliżmu clickbait;

12. l-influwenza tal-algoritmi fuq il-mezzi ta' disseminazzjoni u l-għażla ta' riċevituri jista' jkollhom impatt konsiderevoli fuq l-opinjoni pubblika, isawru d-diskors soċjopolitiku u potenzjalment iwasslu għal polarizzazzjoni soċjali;

13. il-volum akbar ta' kontenut online li jinvolvi diskors ta' mibegħda, inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, il-bullying ċibernetiku u kontenut ieħor illegali u/jew ta' ħsara huwa ta' sfida għas-soċjetà;

14. f'ekonomija dinjija tal-media diġitali mmexxija mid-data, il-pożizzjoni dominanti fis-suq ta' bosta atturi globali u x-xejriet tal-algoritmi użati minn pjattaformi online jistgħu jheddu l-pluraliżmu tal-media u d-diversità tal-kontenut;

15. tkabbir rapidu u bidliet kontinwi fl-ekosistema tal-media għandhom konsegwenzi għall-fiduċja fil-media, u potenzjalment jagħmlu wkoll pressjoni fuq il-media professjonali u l-istandards tal-ġurnaliżmu.

JINNOTA LI:

16. il-litteriżmu fil-media u l-kapaċità tagħna li jkollna nifhmu b'mod kritiku u ninteraġixxu b'mod responsabbli mal-media qatt ma kienu importanti daqs kemm huma fid-dinja tal-lum affettwata mill-pandemija tal-COVID-19, mhux biss għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, iżda wkoll biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-soċjetajiet demokratiċi u t-titjib tal-parteċipazzjoni demokratika;

17. jeħtieġ li tiġi intensifikata l-ħidma fuq l-għoti ta' setgħa lil ċittadini ta' kull età bil-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku, filwaqt li jitqiesu d-diversità kulturali u d-differenzi sinifikanti fil-litteriżmu fil-media u fil-kompetenza diġitali inġenerali fost l-Istati Membri tal-UE;

18. l-iżvilupp kostanti ta' teknoloġiji ġodda tal-media u tal-komunikazzjoni qed iżid id-domanda għal approċċi ġodda għal-litteriżmu fil-media, speċjalment fit-tagħlim mhux formali u informali;

19. hemm bżonn li jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' tagħlim tul il-ħajja fil-litteriżmu fil-media, u li nies ta' kull età jingħataw l-opportunitajiet prattiċi li jitgħallmu l-ħiliet meħtieġa biex jifhmu u jaħdmu fix-xenarju ferm kumpless tal-komunikazzjoni tal-media, permezz ta' programmi adattati għal bosta gruppi fil-mira, li jistgħu jkunu speċifiċi għall-età u/jew speċifiċi għall-kuntest;

20. hemm bżonn li jitwessa' l-involviment fil-litteriżmu fil-media għal partijiet interessati li huma f'pożizzjoni li jilħqu liċ-ċittadini ta' kull età, bħal istituzzjonijiet kulturali (eż. libreriji, mużewijiet, u swali taċ-ċinema) li għandhom aċċess għall-infrastruttura rilevanti u li jgawdu minn livell għoli ta' fiduċja fis-soċjetà, u li għalhekk għandhom jiġu mħeġġa aktar biex isaħħu l-litteriżmu fil-media permezz tas-servizzi u l-attivitajiet tagħhom;

21. stabbilimenti tal-media, speċjalment il-media tas-servizz pubbliku, u organizzazzjonijiet tal-ġurnaliżmu għandhom pożizzjoni influwenti fis-soċjetà u jistgħu jaqdu rwol aktar prominenti f'termini ta' promozzjoni, għoti ta' informazzjoni u żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-importanza tal-litteriżmu fil-media;

22. aġenziji u korpi nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-awtoritajiet regolatorji tal-media nazzjonali, b'mod parallel mal-attivitajiet konġunti li jwettqu permezz tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), skont il-qafas legali nazzjonali li joperaw fih, jista' jkollhom rwol importanti x'jaqdu sakemm ikollhom il-kompetenzi u l-pożizzjoni li jippermettulhom li jippromwovu, jorganizzaw u jikkoordinaw b'mod attiv inizjattivi għal-litteriżmu fil-media u jlaqqgħu flimkien lill-partijiet interessati, kif ukoll jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni;

23. it-tisħiħ tal-ġurnaliżmu professjonali, il-media indipendenti, ir-rappurtaġġ investigattiv u l-pluraliżmu tal-media, il-faċilitazzjoni tal-aċċess taċ-ċittadini għal sorsi ta' informazzjoni ta' kwalità, kredibbli u diversifikati u l-bini tal-fiduċja pubblika jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-demokrazija;

24. huwa importanti li l-industrija Ewropea tal-media tiġi mħeġġa fl-użu tagħha ta' teknoloġiji emerġenti f'termini ta' żvilupp tal-kontenut, mezzi ta' distribuzzjoni, ġbir ta' data u analiżi, sabiex tiġbed udjenza usa' u tgħinha jkollha aċċess għal kontenut ta' kwalità differenti, u biex jitrawwem il-pluraliżmu tal-media;

25. huwa importanti li tkompli tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jinkisbu standards ogħla ta' responsabbiltà u trasparenza għall-pjattaformi online fir-rigward ta' aktar sforzi biex l-utenti jiġu protetti minn kontenut illegali u ta' ħsara u mid-diżinformazzjoni, filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà ta' espressjoni;

26. l-importanza tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi min-naħa tal-pjattaformi online tapplika għal diversi tipi ta' informazzjoni bħall-informazzjoni dwar algoritmi u settijiet ta' data, li tista' tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv tal-pjattaformi sabiex jiġu indirizzati l-problemi tad-diżinformazzjoni;

27. approċċ transsettorjali għall-emanċipazzjoni tal-litteriżmu taċ-ċittadini fil-media, barra mill-avvanz diġitali u teknoloġiku tal-media u tal-industriji kulturali u kreattivi, ser isaħħaħ kemm lill-utenti kif ukoll dawk li joħolqu l-kontenut, u jwassal għal industrija aktar kreattiva u kompetittiva tal-media;

28. it-tisħiħ tal-litteriżmu fil-media u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni jitolbu approċċ sistematiku, strateġiku u komprensiv mill-Istati Membri kollha, kif ukoll kollaborazzjoni intersettorjali bejn id-diversi partijiet ikkonċernati.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

29. jaħdmu sistematikament biex iżidu l-għarfien pubbliku dwar l-importanza tal-litteriżmu fil-media u jappoġġaw l-iżvilupp konsistenti ta' politika għal-litteriżmu fil-media u l-implimentazzjoni tagħha;

30. jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' netwerks ta' litteriżmu fil-media (nazzjonali, reġjonali, lokali, tematiċi) sabiex jgħaqqdu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u jippermettulhom jikkooperaw u jiżviluppaw proġetti u inizjattivi sostenibbli u vijabbli fit-tul ta' litteriżmu fil-media;

31. jiżviluppaw approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja għal-litteriżmu fil-media għall-etajiet kollha u jipprovdu appoġġ f'dak għal proġetti pilota u ta' riċerka, sabiex joħolqu jew jiżviluppaw u jivvalutaw metodoloġiji, azzjonijiet u kontenut ġodda adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi fil-mira;

32. jappoġġaw l-iżvilupp u l-qsim ta' materjal ta' tagħlim u taħriġ fil-litteriżmu fil-media u l-iżvilupp ta' approċċ sistematiku għat-tisħiħ tal-kompetenzi tal-professjonisti f'oqsma differenti (eż. librara, persunal tal-mużewijiet, ħaddiema maż-żgħażagħ, għalliema, professjonisti tal-litteriżmu fil-media, ġurnalisti), sabiex ikunu jistgħu jsaħħu r-rwol importanti tagħhom fl-iżvilupp tal-litteriżmu taċ-ċittadini fil-media;

33. iħeġġu lill-istituzzjonijiet kulturali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-ġurnaliżmu biex jintegraw programmi ta' tagħlim tul il-ħajja fil-litteriżmu fil-media u biex irawmu t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet tal-media, speċjalment il-media tas-servizz pubbliku, biex jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi ta' litteriżmu fil-media u biex jieħdu sehem f'inizjattivi u proġetti ta' partijiet ikkonċernati oħra;

34. ikomplu jesploraw il-possibilitajiet għall-promozzjoni u t-trawwim tal-ġurnaliżmu professjonali bħala element sostenibbli tal-ambjent tal-media diġitali globali;

35. itejbu l-mudelli ta' taħriġ eżistenti, u jekk meħtieġ ifasslu oħrajn ġodda, għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fi ħdan l-industriji kulturali u kreattivi Ewropej sabiex jitrawwem l-użu effettiv ta' teknoloġiji innovattivi u jlaħħqu mal-progress teknoloġiku.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

36. tkompli ssaħħaħ u tiżviluppa l-kunċett tal-Ġimgħa Ewropea għal-Litteriżmu fil-Media b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, u biex tippromwovi l-parteċipazzjoni f'din l-attività;

37. tiżviluppa, fi ħdan l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali li jmiss, mekkaniżmi biex jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni u l-qsim volontarju ta' ideat u prattiki fil-litteriżmu fil-media minn firxa varjata ta' partijiet ikkonċernati;

38. tipproponi passi potenzjali oħra biex jinstabu soluzzjonijiet dejjiema, sistematiċi u effiċjenti sabiex jindirizzaw id-diżinformazzjoni, abbażi tal-eżitu kemm ta' riċerka komprensiva eżistenti kif ukoll futura dwar l-analiżi tal-miżuri li diġà ttieħdu, inkluż konsiderazzjoni xierqa tal-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva f'dan il-qasam u għall-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali;

39. tirrifletti, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 li ġie ppubblikat dan l-aħħar, u fid-dawl tat-tħejjija tal-Att il-ġdid dwar is-Servizzi Diġitali, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Media u s-settur awdjoviżiv, dwar il-ħtieġa għal metodi aktar effettivi biex jiġu indirizzati l-problemi tad-diżinformazzjoni mingħajr ma tiġi mxekkla l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, fejn it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-pjattaformi huma prinċipji ewlenin;

40. tiżgura li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-kapaċitajiet lokali ta' Stati Membri differenti kif ukoll il-ħtieġa għal kollaborazzjoni estensiva bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-Istati Membri kollha, sabiex il-miżuri potenzjali jkunu applikabbli u effettivi u jkunu jistgħu jiġu vverifikati b'mod effettiv u indipendenti;

41. tiżviluppa, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, kriterji u proċessi ta' evalwazzjoni sistematiċi għal proġetti u inizjattivi ta' litteriżmu fil-media ffinanzjati mill-UE u tiżviluppa metodoloġija uniformi u komparattiva għar-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media, fil-qafas tal-linji gwida futuri previsti fid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, li għandha tinħareġ mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Kuntatt.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

42. ikomplu u jagħmlu aktar sforzi f'termini ta' approċċ sistematiku, komprensiv u transsettorjali għall-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u ż-żieda fl-għarfien tal-importanza tal-litteriżmu fil-media; sforzi nazzjonali li jsiru f'din il-perspettiva, fosthom inizjattivi ta' finanzjament, għandhom jiġu akkumpanjati fuq il-livell tal-UE;

43. irawmu użu aħjar tal-possibbiltajiet offruti mill-fondi tal-UE u l-programmi tal-UE biex jappoġġaw l-edukazzjoni fil-media u proġetti u inizjattivi varjati ta' litteriżmu fil-media (eż. appoġġ għall-media permezz tal-programm Ewropa Kreattiva, b'mod partikolari l-azzjoni l-ġdida għall-appoġġ għall-media) u biex jiżviluppaw sorsi ta' finanzjament addizzjonali kif ukoll joħolqu sinerġiji bejn il-programmi rilevanti tal-UE;

44. jiżguraw li l-miżuri għal-litteriżmu fil-media mmirati lejn il-minorenni skont l-Istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal ilaħħqu mar-ritmu tal-ambjent diġitali li dejjem jevolvi;

45. jiffinanzjaw u jrawmu riċerka sistematika u regolari fil-litteriżmu fil-media u l-impatt ta' pjattaformi diġitali u tal-media (eż. riċerka sistematika dwar miżuri u inizjattivi ta' litteriżmu fil-media; riċerka dwar l-influwenza ta' pjattaformi ġodda tal-media u tal-komunikazzjoni dwar il-ġid taċ-ċittadini; riċerka dwar it-tħaddim ta' algoritmi u ta' intelliġenza artifiċjali u l-influwenza tagħhom fuq l-opinjoni pubblika, ħajjet in-nies, u l-konsum tal-media, kif ukoll fuq il-media Ewropea u l-industrija awdjoviżiva);

46. jappoġġaw l-industrija awdjoviżiva fl-iżvilupp ta' pjattaformi Ewropej ta' kwalità u ta' kontenut u ta' distribuzzjoni, billi jqisu l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur awdjoviżiv inġenerali;

47. iħeġġu pjattaformi u stabbilimenti tal-media biex jikkooperaw fl-iżvilupp ta' għodod u proċessi li jippromwovu l-viżibbiltà u r-rintraċċabbiltà ta' sorsi ta' aħbarijiet ta' kwalità, flimkien mal-viżibbiltà u r-rintraċċabbiltà ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew ta' kwalità.

*ANNESS*

## Dokumenti ta' politika rilevanti

### *Kunsill Ewropew*

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018 (EUCO 13/18)

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2018 (EUCO 17/18)

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2019 (EUCO 1/19)

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019 (EUCO 9/19)

*Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024* (adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019)

### *Kunsill*

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għal-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali (ĠU C 140, 6.6.2008, p. 8)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali (ĠU C 301, 11.12.2009, p. 12)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali (ĠU C 32, 4.2.2014, p. 6)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Awdjoviżiva Ewropea fl-Era Diġitali (ĠU C 433, 3.12.2014, p. 2)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali (ĠU C 172, 27.5.2015, p. 13)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (ĠU C 212, 14.6.2016, p. 5)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza (ĠU C 425, 12.12.2017, p. 4)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja(ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali (ĠU C 457, 19.12.2018, p. 2)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar il-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti (6573/1/19 REV 1, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fi Frar 2019)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija, (12836/19, adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin f'Ottubru 2019)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu (14972/19, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali f'Diċembru 2019)

### *Il-Kummissjoni*

Komunikazzjonijiet

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal, COM(2012) 196 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, COM(2015) 192 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali. Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa, COM(2016) 288 final
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — Nindirizzaw il-kontenut illegali online. Lejn aktar responsabbiltà fir-rigward tal-pjattaformi online, COM(2017) 555 final

— Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew, COM(2018) 236 final

— Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa, COM(2018) 237 final

— Rapport tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew", COM(2018) 794 final

Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

— Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, JOIN(2018) 36 final

— Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Kontra d-Diżinformazzjoni, JOIN(2018) 12 final

— Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020–2024, JOIN (2020) 5 final

Studji u rapporti oħrajn

L-immappjar tal-prattiki u l-azzjonijiet tal-litteriżmu fil-media fl-UE-28 (Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, 2016)

Lejn is-Sovranità tal-Media Ewropea. Strateġija tal-Media Industrijali biex tiġi sfruttata d-Data, l-Algoritmi u Intelliġenza Artifiċjali (Guillaume Klossa, 2019)

Rapport tal-attivitajiet imwettqa biex jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-monitoraġġ intermedju tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni (Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, 2019)

Implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar l-AVMS (Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, 2019)

Naqgħu lura: Kif il-kumpaniji tal-media soċjali mhux qed jirnexxilhom jiġġieldu kontra l-imġiba inawtentika online (Ċentru ta' Eċċellenza għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi tan-NATO, 2019)

Studju dwar il-litteriżmu fil-media u kwistjonijiet ta' awtonomizzazzjoni online li qajmu s-servizzi tal-media mmexxija mill-algoritmi (SMART 2017/0081) (RAND Europe u Open Evidence, 2019)

Rapport tal-ERGA dwar id-diżinformazzjoni: Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika (2020)

**Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

(2020/C 193/07)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tas-Sur Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (nru 4), is-Sur Aleksandr Viktorovich VITKO (nru 19), is-Sur Vladislav Yurievich SURKOV (nru 29), is-Sur Dmitry Nikolayevich KOZAK (nru 34), is-Sur Sergei Ivanovich NEVEROV (nru 40), is-Sur Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (nru 47), is-Sur Rashid Gumarovich NURGALIEV (nru 76), is-Sur Vladimir ANTYUFEYEV (nru 87), is-Sur Andrey Yurevich PINCHUK (nru 100), is-Sur Viktor Petrovich VODOLATSKY (nru 109), is-Sur Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (nru 131), is-Sa Ekaterina Vladimirovna GOGIASHVILI (nru 141), is-Sur Zaur Raufovich ISMAILOV (nru 146), is-Sur Konstantin Mikhailovich BAKHAREV (nru 153), is-Sur Dmitry Anatolievich BELIK (nru 154), is-Sur Andrey Vladimirovich CHEREZOV (nru 158), is-Sur Evgeniy Petrovich GRABCHAK (nru 159), u l-intrapriża Repubblikana tal-Krimea "Azov distillery plant" (nru 17) u l-istituzzjoni tal-baġit tal-Istat federali għax-xjenza u r-riċerka "All-Russia national scientific research institute for wine growing and wine making 'Magarach' Russian Academy of Sciences" (nru 19), persuni u entitajiet li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ([1]) u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([2]) dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill qed jikkunsidra li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet imsemmijin hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet ġodda. Dawk il-persuni u l-entitajiet huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba għad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel is-16 ta' Ġunju 2020, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1.C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

E-mail: sanctions@consilium.europa.eu

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
([2]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## It-8 ta’ Ġunju 2020

(2020/C 193/08)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1285 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5126 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 123,41 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 8,7460 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4555 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7291 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,89173 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5700 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3978 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 353,20 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0861 | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 18,9799 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 149,50 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,9836 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,4603 | HRK | Kuna Kroata | 7,5650 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 815,42 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,585 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8159 |
| HUF | Forint Ungeriż | 344,16 | PHP | Peso Filippin | 56,301 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4333 | RUB | Rouble Russu | 77,0563 |
| RON | Leu Rumen | 4,8359 | THB | Baht Tajlandiż | 35,474 |
| TRY | Lira Turka | 7,6574 | BRL | Real Brażiljan | 5,5702 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6156 | MXN | Peso Messikan | 24,3220 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 85,2410 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

**Rapport Speċjali Nru 13/2020**

**Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis**

(2020/C 193/09)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 13/2020 "Bijodiversità agrikola: il-kontribuzzjoni mill-PAK ma waqqfitx it-tnaqqis" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.9843 — Colony Capital/PSP/NGD)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 193/10)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Colony Capital, Inc. ("Colony Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— il-Public Sector Pension Investment Board ("PSP", il-Kanada),

— Next Generation Data Ltd ("NGD", ir-Renju Unit).

Colony Capital u PSP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' NGD kollha kemm hi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Colony Capital: ġestjoni ta' portafoll dinji kompost minn, fost oħrajn, investimenti fl-infrastruttura diġitali, fosthom towers ċellulari makro, ċentri tad-data, networks ċellulari żgħar u networks tal-fibre.

— il-PSP: ġestjoni tal-pjanijiet tal-pensjoni ts-Servizz Pubbliku Federali Kanadiż, tal-Qawwiet Kanadiżi, tal-Kavallerija Rjali Kanadiża u tal-Forza ta' Riżerva.

— NGD: attiva fid-disinn, il-bini, it-tħaddim u l-ġestjoni kontinwa ta' soluzzjonijiet ta' ċentri tad-*data* fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9843 — Colony Capital/PSP/NGD

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2020/C 193/11)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI FL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' PRODOTT TA' DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012**

**"POULIGNY-SAINT-PIERRE"**

**Nru tal-UE: PDO-FR-0128-AM03 — 24.12.2018**

DOP (X) IĠP ()

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Syndicat des producteurs de Pouligny-Saint-Pierre
Indirizz: Maison de l'agriculture, 65 avenue Gambetta, 36300 LE BLANC
Tel. +33 254375213
Faks +33 254370421
Posta elettronika: syndicataocpouligny@sfr.fr

Il-grupp huwa magħmul minn produtturi u proċessuri u għandu interess leġittimu biex jissottometti l-applikazzjoni.

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

☐ Isem il-prodott

☒ Deskrizzjoni tal-prodott

☒ Żona ġeografika

☒ Prova tal-oriġini

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

☒ Metodu ta' produzzjoni

☒ Rabta

☒ Tikkettar

☒ Oħrajn: rekwiżiti nazzjonali, spezzjoni, dettalji ta' kuntatt tal-grupp u tad-dipartiment kompetenti tal-Istat Membru.

4. **Tip ta' emenda/i**

☒ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata, li għaliha ma ġiex ippubblikat Dokument Uniku (jew ekwivalenti), li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda/i**

5.1. *Deskrizzjoni tal-prodott*

Is-sentenza li ġejja:

"'Pouligny-Saint-Pierre' huwa ġobon magħmul esklussivament mill-ħalib tal-mogħoż b'sura ta' piramida bil-qiegħ kwadrat u li d-daqs tal-forma tiegħu huwa kif ġej: qiegħ ta' mhux aktar minn 6,5 cm, qiegħ ta' mhux anqas minn 2,5 cm."

Ġiet sostitwita b'din:

"Il-'Pouligny-Saint-Pierre' huwa ġobon magħmul esklussivament mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat tal-mogħoż, b'sura ta' piramida rqiqa bit-truf regolari u bil-qiegħ kwadrat."

L-obbligu ta' implimentazzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat u sħiħ isaħħaħ ir-rabta maż-żona ġeografika permezz tal-preservazzjoni tal-flora lattika indiġena. Il-karatteristiċi tal-piramida huma ssupplimentati sabiex jikkonformaw mad-deskrizzjoni tal-prodott. L-informazzjoni dwar id-daqs tal-forma tmexxiet għat-taqsima 5.3.4.

Is-sentenza li ġejja:

"Dan jinkiseb prinċipalment minn baqta lattika."

Ġiet issupplimentata kif ġej:

"Dan jinkiseb minn baqta lattika permezz ta' tibqit bil-mod u tisfija spontanja."

Il-kelma "prinċipalment" tħassret minħabba li mhijiex adegwata, filwaqt li l-baqta hija dejjem lattika. Ir-referenza għat-tibqit bil-mod tmexxiet mit-taqsima "metodu ta' kisba" minħabba li din ma tinsabx fid-deskrizzjoni tal-prodott. Ir-referenza għat-tisfija spontanja tikkorrispondi għall-prattiki attwali li jippreservaw l-istruttura tal-baqta lattika.

Is-sentenza li ġejja:

"Dan huwa artab, kemxejn mielaħ u mhux imsajjar, u għandu ftit moffa fil-wiċċ."

Ġiet emendata kif ġej:

"Dan huwa artab u kemxejn mielaħ. Bħala dehra esterna, dan għandu ftit moffa fil-wiċċ. Il-qoxra tiegħu hija mkemmxa, ta' lewn abjad fl-avorju b'dehra rħamata, iżda tista' tkun ukoll kaħlanija."

Id-deskrizzjoni tad-dehra esterna tal-prodott tjiebet sabiex tinkiseb karatterizzazzjoni aħjar. Din il-formulazzjoni l-ġdida tagħti stampa aktar ċara tal-karatteristiċi tal-ġobon.

Żdiedet is-sentenza li ġejja:

"Dan huwa sod mal-qatgħa. Il-ġobna nnifisha għandha dehra omoġenja u lixxa, ta' lewn abjad, li jista' jkollu sfumaturi fl-avorju. It-togħma bbilanċjata, mingħajr ma hija mielħa jew aċiduża żżejjed.

Din għandha noti aromatiċi, b'karatteristiċi l-aktar tal-ħalib u tal-fermentazzjoni, b'noti tat-tip tal- 'mogħoż', tal-'faqqiegħ' u tal-'ġellewż'.

Il-konsistenza kremuża u tinħall fil-ħalq."

Id-deskrizzjoni tad-dehra tal-ġobna u tat-togħma tal-prodott tjiebet sabiex tinkiseb karatterizzazzjoni aħjar. Din il-formulazzjoni l-ġdida tagħti stampa aktar ċara tal-karatteristiċi tal-ġobon.

Is-sentenza li ġejja:

“Dan għandu kontenut minimu ta’ xaħam ta’ 45 % tal-materja niexfa. Din tal-aħħar għandha tkun ta’ mill-anqas 90 gramma għal kull ġobna.”

Ġiet sostitwita b’din:

“Dan jiġi ppreżentat f’żewġ forom:

— Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’: li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta’ maturazzjoni jkun ta’ mill-anqas 250 gramma u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta’ mill-anqas 90 gramma għal kull ġobna;

— Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’ żgħir: li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta’ maturazzjoni jkun ta’ mill-anqas 150 gramma, u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta’ bejn 55 u 85 gramma għal kull ġobna.

Il-kontenut minimu ta’ xaħam huwa ta’ 45 % tal-materja niexfa.

Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’ jiġu ppreżentati u jinbiegħu ġobna ġobna lill-konsumatur aħħari.”

Skont it-test nazzjonali marbut mar-Regolamenti (KE) Nru 1107/96 u Nru 1019/2009, dan il-ġobon jiġi f’daqs iżgħar, il-“Pouligny-Saint-Pierre” żgħir.

Għalhekk, huma possibbli żewġ forom għall-“Pouligny-Saint-Pierre”. Il-piż totali tagħhom wara l-perjodu minimu ta’ maturazzjoni jiġi miżjud.

L-espressjoni tal-piż tal-ġobon f’materja niexfa u l-iffissar ta’ estratt niexef minimu tal-ġobon jippermettu li ġobniet żgħar iżżejjed (minħabba difett fil-forma) jew umdi żżejjed (minħabba nuqqas ta’ tnixxif jew/u tal-użu ta’ baqta umda żżejjed) jiġu esklużi mill-kummerċjalizzazzjoni.

Żdied ukoll li l-ġobniet jinbiegħu ġobna ġobna, jiġifieri sħaħ, minħabba li l-grupp ma jixtieqx jawtorizza l-bejgħ ta’ ġobon imqatta’; it-tqattigħ ta’ ġobon iħalli impatt negattiv fuq il-preservazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi tiegħu (b’mod partikolari t-tranġit u d-dessikazzjoni tal-krema), partikolarment evidenti minħabba d-daqs żgħir tal-ġobna.

Fid-Dokument Uniku, is-sentenzi:

“Ġobon mill-ħalib sħiħ tal-mogħoż, artab, kemxejn mielaħ, mhux imsajjar, u għandu ftit moffa fil-wiċċ, b’sura ta’ piramida bil-qiegħ kwadrat.

Dan għandu kontenut minimu ta’ xaħam ta’ 45 % tal-materja niexfa. Din tal-aħħar għandha tkun ta’ mill-anqas 90 gramma għal kull ġobna.”

Ġew sostitwiti bi:

“Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’ huwa ġobon magħmul esklussivament mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat tal-mogħoż, b’sura ta’ piramida rqiqa bit-truf regolari u bil-qiegħ kwadrat.

Dan jinkiseb minn baqta lattika permezz ta’ tibqit bil-mod u tisfija spontanja.

Dan huwa artab u kemxejn mielaħ. Bħala dehra esterna, dan għandu ftit moffa fil-wiċċ. Il-qoxra tiegħu hija mkemmxa, ta’ lewn abjad fl-avorju b’dehra rħamata, iżda tista’ tkun ukoll kaħlanija.

Dan huwa sod mal-qatgħa. Il-ġobna nnifisha għandha dehra omoġenja u lixxa, ta’ lewn abjad, li jista’ jkollu sfumaturi fl-avorju. It-togħma hija bbilanċjata, mingħajr ma hija mielħa jew aċiduża żżejjed.

Din għandha noti aromatiċi, b’karatteristiċi l-aktar tal-ħalib u tal-fermentazzjoni, b’noti tat-tip ‘mogħoż’, ‘faqqiegħ’ u ‘ġellewż’.

Il-konsistenza hija kremuża u tinħall fil-ħalq.

Dan jiġi ppreżentat f’żewġ forom:

— Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’: li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta’ maturazzjoni jkun ta’ mill-anqas 250 gramma u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta’ mill-anqas 90 gramma għal kull ġobna;

— Il-‘Pouligny-Saint-Pierre’ żgħir: li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta’ maturazzjoni jkun ta’ mill-anqas 150 gramma, u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta’ bejn 55 u 85 gramma għal kull ġobna.

Il-kontenut minimu ta’ xaħam huwa ta’ 45 f% tal-materja niexfa.

Il-‘Pouligny Saint-Pierre’ jiġu ppreżentati u jinbiegħu ġobna ġobna lill-konsumatur finali.”

5.2. *Żona ġeografika*

Fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, il-paragrafu li ġej:

“Iż-żona tal-produzzjoni tkopri għadd ta’ muniċipalitajiet fid-département tal-Indre (id-distrett ta’ Blanc), ara l-lista tal-muniċipalitajiet fl-Artikolu 1 tad-Digriet tad-29 ta’ Diċembru 1986.

Il-canton ta’ Bélâbre: il-muniċipalitajiet ta’ Mauvières u Saint-Hilaire-sur-Bénaize

Il-canton ta’ Blanc: il-muniċipalitajiet kollha

Il-canton ta’ Mézières-en-Brenne: il-muniċipalità ta’ Azay-le-Ferron

Il-canton ta’ Tournon-Saint-Martin: il-muniċipalitajiet kollha.”

Ġie sostitwit b’dan:

“Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-maturazzjoni għandhom isiru fiż-żona ġeografika magħmula mill-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département tal-Indre (36):

Azay-le-Ferron, Le Blanc, Ciron, Concremiers, Douadic, Fontgombault, Ingrandes, Lingé, Lurais, Lureuil, Martizay, Mauvières, Mérigny, Néons-sur-Creuse, Pouligny-Saint-Pierre, Preuilly-la-Ville, Rosnay, Ruffec, Saint-Aigny, Saint-Hilaire-sur-Benaize, Sauzelles, u Tournon-Saint-Martin.”

Fid-Dokument Uniku, il-paragrafu li ġej:

“22 muniċipalità tad-département tal-Indre:

Il-cantons ta’ Blanc u ta’ Tournon-Saint-Martin: il-muniċipalitajiet kollha

Il-canton ta’ Bélâbre: il-muniċipalitajiet ta’ Mauvières u Saint-Hilaire-sur-Bénaize

Il-canton ta’ Mézières-en-Brenne: il-muniċipalità ta’ Azay-le-Ferron”

Ġie sostitwit b’dan:

“Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-maturazzjoni għandhom isiru fiż-żona ġeografika magħmula mill-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département tal-Indre (36):

Azay-le-Ferron, Le Blanc, Ciron, Concremiers, Douadic, Fontgombault, Ingrandes, Lingé, Lurais, Lureuil, Martizay, Mauvières, Mérigny, Néons-sur-Creuse, Pouligny-Saint-Pierre, Preuilly-la-Ville, Rosnay, Ruffec, Saint-Aigny, Saint-Hilaire-sur-Benaize, Sauzelles, u Tournon-Saint-Martin.”

Meta mqabbel mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott preċedenti, fejn iż-żona ġeografika kienet deskritta permezz ta’ lista tal-cantons, iż-żona ġeografika hija deskritta permezz ta’ lista ta’ muniċipalitajiet, li tippermetti deskrizzjoni aktar preċiża. Din ma tinvolvix emenda taż-żona ġeografika. L-istess jgħodd għad-Dokument Uniku.

5.3. *Elementi li juru li l-prodott ġej miż-żona ġeografika*

Il-paragrafi li ġejjin:

“Kull produttur tal-ħalib, impjant tal-ipproċessar u impjant tal-maturazzjoni għandhom jimlew ‘dikjarazzjoni ta’ kapaċità’ rreġistrata mis-servizzi tal-INAO u li tippermetti lil dan tal-aħħar jidentifika l-operaturi kollha. Dawn għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-INAO r-reġistri kif ukoll kull dokument meħtieġ għall-ispezzjoni tal-oriġini, tal-kwalità u tal-kundizzjonijiet ta’ produzzjoni tal-ħalib u tal-ġobon;

Bħala parti mill-ispezzjoni li ssir fuq il-karatteristiċi tal-prodott bid-Denominazzjoni ta’ Oriġini, eżami analitiku u organolettiku għandu l-għan li jiżgura l-kwalità u t-tipiċità tal-prodotti ppreżentati għal dan l-eżami.”

Ġew sostitwiti b’dan li ġej:

“4.1. Identifikazzjoni tal-operaturi

Kull operatur li huwa involut fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tad-Denominazzjoni ta’ Oriġini ‘Pouligny-Saint-Pierre’ għandu jimla dikjarazzjoni ta’ identifikazzjoni mibgħuta lill-grupp mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tal-attività kkonċernata, skont il-mudell approvat mid-Direttur tal-Institut National de l’Origine et de la Qualité (INAO).

4.2. Obbligi ta’ dikjarazzjoni

L-obbligi ta’ dikjarazzjoni meħtieġa għall-għarfien u l-monitoraġġ tal-prodotti intiżi għall-bejgħ bid-Denominazzjoni ta’ Oriġini:

Kull sena, qabel il-15 ta’ Frar u skont mudell ivvalidat mid-Direttur tal-INAO:

— Kull bidwi, kull proċessur u kull min jieħu ħsieb il-maturazzjoni għandu jibgħat lill-grupp dikjarazzjoni annwali tal-produzzjoni dettaljata li tiġbor fil-qosor il-produzzjoni tal-‘Pouligny-Saint-Pierre’ tas-sena ta’ qabel.

— Fil-każ ta' azjendi li jużaw is-silaġġ f'impjanti li mhumiex l-impjant tal-mogħoż, il-produtturi għandhom jibagħtu lill-grupp dikjarazzjoni annwali tal-preżenza tas-silaġġ.

— Kull proċessur u kull min jieħu ħsieb il-maturazzjoni għandu jipprovdi lill-grupp dikjarazzjoni ta' kull produttur tal-ħalib tal-mogħoż u ta' kull produttur azjendali tiegħu, li tispeċifika isimhom u l-indirizz tagħhom u l-kwantitajiet miġbura.

4.3. Rekords miżmuma

4.3.1. Traċċabbiltà

Id-data li ġejja hija rreġistrata fuq dokumenti speċifiċi għal kull operatur:

Produttur tal-ħalib:

— Il-kwantitajiet fil-ġimgħa ta' ħalib maħsub għall-ipproċessar fi 'Pouligny-Saint-Pierre'.

Proċessur:

— il-volum ta' ħalib miġbur minn kull ronda,

— il-kwantitajiet ta' ħalib ipproċessat fil-'Pouligny Saint-Pierre' għal kull jum ta' manifattura,

— l-għadd ta' ġobon prodott maħsub għad-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre' għal kull jum ta' manifattura,

— l-għadd ta' ġobon mhux klassifikat,

— l-għadd ta' ġobon mibjugħ bid-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre'.

Min jieħu ħsieb il-maturazzjoni:

— il-kwantitajiet u l-oriġini tal-ġobniet mixtrija għall-maturazzjoni, maħsuba għad-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre',

— l-għadd ta' 'Pouligny-Saint-Pierre', immaturat u ppakkjat,

— l-għadd ta' ġobon mhux klassifikat,

— l-għadd ta' ġobon mibjugħ bid-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre'.

Din id-data hija akkumpanjata min-numri tal-lott għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħalib u l-ġobniet maħsuba għad-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre'.

4.3.2. Monitoraġġ tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-produzzjoni

Il-produtturi tal-ħalib għandhom, b'mod partikolari, iżommu għad-dispożizzjoni tal-istrutturi ta' spezzjoni d-dokumenti intiżi biex jivverifikaw:

— il-pożizzjoni ġeografika tal-azjenda u tal-irqajja' ta' art tagħha,

— iż-żona tal-bwar naturali jew temporanji għan-nutrizzjoni f'foraġġi tal-merħla tal-mogħoż, kif ukoll dawk taċ-ċereali, tal-għelejjel li fihom il-proteini u taż-żrieragħ żejtnin maħsuba għal dan,

— iż-żoni ta' bwar naturali jew temporanji, taċ-ċereali, taż-żrieragħ żejtnin u tal-għelejjel li fihom il-proteini maħsuba għall-merħliet kollha fl-azjenda,

— it-tagħbija annwali tal-impjant tal-mogħoż fl-azjenda jew it-tagħbija globali tal-azjenda jekk din għandha aktar merħliet,

— l-oriġini, in-natura u l-kwantitajiet ta' għalf mixtri għall-merħla tal-mogħoż,

— l-immaniġġjar tal-merħla tal-mogħoż,

— il-kwantitajiet ta' għalf imqassam kull sena lill-merħla tal-mogħoż.

Il-produtturi u/jew min jieħu ħsieb il-maturazzjoni għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-istrutturi ta' spezzjoni d-dokumenti intiżi biex jivverifikaw:

— il-konformità mal-parametri ta' manifattura definiti fit-taqsima 5,

— iż-żamma tar-reġistru tal-ġobon,

Dawn id-dokumenti jridu jiġu aġġornati mill-anqas kuljum.

Il-produtturi azjendali li jbigħu direttament u l-produtturi azjendali li jikkunsinnaw lil min jieħu ħsieb il-maturazzjoni għandhom jiddeskrivu r-rotta tal-ipproċessar tagħhom u jirreġistraw l-anomaliji.

4.4. Spezzjoni tal-prodotti

Bħala parti mill-ispezzjoni li ssir fuq il-karatteristiċi tal-prodott bid-Denominazzjoni ta' Oriġini, eżami analitiku u organolettiku permezz ta' kampjunar għandu l-għan li jiżgura l-kwalità u t-tipiċità tal-prodotti."

Id-dikjarazzjoni ta' kapaċità hija sostitwita mid-dikjarazzjoni ta' identifikazzjoni li tidentifika dawk il-produtturi li jixtiequ jidħlu fil-proċedura.

Żdiedu l-obbligi ta' rappurtar tal-operaturi. Dawn l-emendi huma marbuta ma' żviluppi leġiżlattivi u regolamenti nazzjonali. Huwa previst b'mod partikolari li jiġu identifikati l-operaturi bil-ħsieb li tiġi rikonoxxuta l-abbiltà tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet meħtieġa għall-għarfien, il-monitoraġġ u l-ispezzjoni tal-prodotti li jkunu se jinbiegħu bid-Denominazzjoni ta' Oriġini.

5.4. *Deskrizzjoni tal-metodu ta' kif jinkiseb il-prodott*

Minħabba li l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott irreġistrata skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1107/96 u Nru 1019/2009 ma tipprovdi l-ebda regola li tikkonċerna l-produzzjoni tal-ħalib, dawn għalhekk ġew definiti, skont il-prattiki attwali tal-produtturi.

Żdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5.1. L-immaniġġjar tal-merħla:

Merħla tal-mogħoż tfisser il-mogħoż kollha li jkunu welldu mill-anqas darba.

Il-ħalib użat fil-manifattura ġej minn merħliet magħmula minn mogħoż tar-razza Alpine, Saanen u Poitevine, jew mit-taħlit ta' dawn ir-razez.

It-tagħbija massima hija:

— ta' 10 mogħoż għal kull ettaru attwalment użat għar-ragħa u/jew għall-produzzjoni ta' foraġġi, ċereali, għelejjel li fihom il-proteini u żrieragħ żejtnin għan-nutrizzjoni tal-mogħoż u għall-azjendi speċjalizzati tal-mogħoż,
— ta' 1,5 UGB għal kull ettaru attwalment użat għar-ragħa u/jew għall-produzzjoni ta' foraġġi, ċereali, għelejjel li fihom il-proteini u żrieragħ żejtnin għan-nutrizzjoni tal-merħliet ikkunsidrati għall-azjendi l-oħra b'ħafna merħliet ta' annimali ruminanti.

Mogħża għandha mill-anqas 1,5 m$^2$ ta' żona għall-mistrieħ, u massimu ta' 3 mogħżiet għal kull metru lineari ta' ħawt huwa awtorizzat.

Il-produzzjoni barra mill-istaġun tal-merħliet hija awtorizzata."

Żdiedu dispożizzjonijiet dwar ir-razez tal-mogħoż użati kif ukoll dwar iż-żamma tal-mogħoż (tagħbija massima, żoni minimi għal kull mogħża, possibilità ta' produzzjoni barra mill-istaġun).

Żdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5.2. Nutrizzjoni tal-annimali

Is-sistema ta' nutrizzjoni li tikkonsisti biss minn tiben u konċentrati hija pprojbita.

5.2.1. Il-foraġġi

Il-foraġġ huwa l-bażi tan-nutrizzjoni tal-merħla. Il-porzjon totali annwali jikkonsisti f'minimu ta' 660 kg ta' materja niexfa ta' foraġġi għal kull mogħża tal-ħalib.

Il-foraġġi huma mirgħin, imqassma fil-ħaxix, f'forma ta' ħuxlief jew imnixxef.

Il-foraġġi awtorizzati huma:

— il-ħaxix, il-ħuxlief, il-ħuxlief imgeżwer, il-ħuxlief bi preservattiv, li ġejjin minn bwar naturali u temporanji,
— pjanti tal-foraġġ annwali,
— tiben taċ-ċereali, tal-legumi u żrieragħ żejtnin,
— il-ħaxix aħdar maħsud kif suppost, imqassam malajr u kkunsmat f'24 siegħa. Wara 24 siegħa, ir-rifjuti kollha jitneħħew mill-ħawt,

— għeruq u tuberi,

— foraġġi mnixxfa: xnien,

— pjanta tal-qamħirrum sħiħa.

Il-kwantità ta' xnien imnixxef imqassam ma għandhiex taqbeż 12 % tal-porzjon alimentari annwali totali, jiġifieri 132 kg tal-materja niexfa għal kull mogħża tal-ħalib.

L-iskart tat-tiben mhuwiex parti mill-porzjon.

L-użu ta' ħaxix imgeżwer fin-nutrizzjoni tal-mogħoż huwa awtorizzat sal-limitu massimu ta' 1 kg ta' materjal niexef kuljum għal kull mogħża, bil-kundizzjoni li dan il-ħaxix imgeżwer ikun fih minimu ta' 60 % ta' materjal niexef u jkun ġej mill-ewwel ħsad taż-żoni tal-foraġġi.

Is-silaġġ tal-ħaxix u s-silaġġ tal-qamħirrum mhumiex permessi għan-nutrizzjoni tal-merħla tal-mogħoż. Fil-każ ta' azjendi li jużaw is-silaġġ f'impjanti li mhumiex l-impjant tal-mogħoż, il-produtturi jaħżnu s-silaġġ 'il bogħod mill-mergħa normali tal-mogħoż u fuq bażi individwali tal-għalf maħsub għan-nutrizzjoni tal-merħla tal-mogħoż.

5.2.2. Nutrizzjoni supplimentari

L-għalf supplimentari ma jammontax għal aktar minn 40 % tan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib, jiġifieri mhux aktar minn 440 kg ta' materja niexfa annwali għal kull mogħża tal-ħalib.

Iċ-ċereali, l-għelejjel li fihom il-proteini, iż-żrieragħ żejtnin, il-konċentrati kummerċjali, u l-għalf tal-bhejjem huma inklużi fl-għalf supplimentari.

L-għalf supplimentari jikkonsisti minn:

— żrieragħ taċ-ċereali mhux ipproċessati, imfarrkin jew mitħunin,

— żrieragħ żejtnin mhux ipproċessati, imfarrkin, mitħunin jew estrużi,

— żrieragħ ta' għelejjel li fihom il-proteini mhux ipproċessati, imfarrkin jew mitħunin,

— żrieragħ u prodotti li ġejjin mill-ipproċessar taċ-ċereali,

— żrieragħ u prodotti li ġejjin mill-ipproċessar taż-żrieragħ żejtnin permezz tat-trattament tal-konzar fiżiku għaż-żjut essenzjali u tal-estratt ta' pjanti: għalf tal-bhejjem u żejt tas-sojja, piżelli, ful, lupin, kittien, lift, ġirasol, ġulbiena,

— prodotti mill-manifattura taz-zokkor: polpa mnixxfa tal-pitravi, ġulepp likwidu mill-kannamiela jew mill-pitravi,

— frott,

— minerali, mikronutrijenti, vitamini, sustanzi aromatiċi u aperitivi.

L-użu tax-xorrox għan-nutrizzjoni tal-merħla hija prattika awtorizzata fiż-żona tad-denominazzjoni, iżda mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-porzjon."

Listi pożittivi ta' foraġġi u ta' għalf supplimentari ġew stabbiliti sabiex jinkludu n-natura tal-għalf imqassam u biex tiġi ffaċilitata l-ispezzjoni, iżda wkoll biex jiġi pprojbit it-tqassim ta' għalf li għandu impatt negattiv fuq il-karatteristiċi organolettiċi tal-ġobon. Il-varjetà ta' għalf imqassam lill-mogħoż, il-projbizzjoni tas-silaġġ, l-inklużjoni tat-tgeżwir u tal-għalf imnixxef jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-karatteristiċi organolettiċi tal-"Pouligny-Saint-Pierre".

Żdied il-paragrafu li ġej:

"5.2.3. Oriġini tal-porzjon

Il-foraġġ kollu kkonsmat mill-merħla ġej miż-żona ġeografika, għajr għax-xnien imnixxef.

L-għalf supplimentari prodott fiż-żona ġeografika jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-porzjon annwali tal-mogħża tal-ħalib, jiġifieri mill-anqas 165 kg ta' materja niexfa jew 195 kg ta' għalf mhux ipproċessat.

In-nutrizzjoni prodotta fiż-żona ġeografika (foraġġi + għalf supplimentari) tirrappreżenta mill-anqas 75 % tal-porzjon alimentari annwali totali tal-merħla."

Regoli dwar l-oriġini tan-nutrizzjoni ġew introdotti fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott biex tissaħħaħ ir-rabta tal-prodott maż-żona ġeografika. Minħabba li ż-żona ġeografika ma għandhiex biżżejjed riżorsi agrikoli biex tiġi żgurata n-nutrizzjoni sħiħa tal-merħliet tal-mogħoż, in-nutrizzjoni prodotta fiż-żona ġeografika (foraġġi + konċentrati) tirrappreżenta mill-anqas 75 % tal-materja niexfa tal-porzjon alimentari annwali totali tal-merħla.

Żdied il-paragrafu li ġej:

"5.2.4. Dispożizzjonijiet oħra dwar in-nutrizzjoni

Huma awtorizzati biss għan-nutrizzjoni tal-annimali dawk il-ħxejjex, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari minn prodotti mhux transġeniċi. It-tħawwil ta' kultivazzjonijiet transġeniċi huwa pprojbit f'kull żona ta' azjenda li tipproduċi l-ħalib maħsub għall-ipproċessar fid-Denominazzjoni ta' Oriġini 'Pouligny-Saint-Pierre'. Din il-projbizzjoni tapplika għal kull tip ta' pjanta li x'aktarx tingħata lill-annimali tal-azjenda bħala nutrizzjoni u għall-kultivazzjonijiet kollha li jistgħu jikkontaminawhom."

L-għalf li ġej minn OĠM huwa pprojbit biex jiġi ppreservat il-karattru tradizzjonali tal-prodott.

Żdied il-paragrafu li ġej:

"5.2.5. Fertilizzant taż-żoni tal-foraġġ:

Il-materji organiċi li ġejjin biss huma awtorizzati: fertilizzant, fertilizzant tal-kompost, demel likwidu, demel likwidu ta' oriġini agrikola tal-ispeċi bovini, ovini, kaprini, ekwini, tat-tjur tat-trobbija u tal-ħnieżer; kif ukoll l-effluwenti tal-ġobon u tal-ħalib."

X'aktarx li l-mezzi organiċi jbiddlu l-kompożizzjoni tal-flora tal-ħaxix, u b'hekk l-inklużjoni tagħhom tippermetti li tinżamm flora naturali diversa u li tiġi ppreservata r-rabta maż-żona ġeografika.

Listi pożittivi ta' foraġġi u ta' għalf supplimentari ġew stabbiliti sabiex jinkludu n-natura tal-għalf imqassam u biex tiġi ffaċilitata l-ispezzjoni, iżda wkoll biex jiġi pprojbit it-tqassim ta' għalf li għandu impatt negattiv fuq il-karatteristiċi organolettiċi tal-ġobon.

Fid-Dokument Uniku, żdiedu s-sentenzi li ġejjin:

'Sabiex tiġi żgurata rabta mill-qrib bejn iż-żona u l-prodott, mill-anqas 75 % tal-materja niexfa tal-porzjon alimentari annwali totali tal-mogħoż tal-ħalib jiġi prodott fiż-żona ġeografika. Fil-fatt, iż-żona ġeografika ma għandhiex biżżejjed riżorsi agrikoli biex tiġi żgurata n-nutrizzjoni sħiħa tal-merħliet tal-mogħoż.

Il-porzjon totali annwali ta' mogħża tal-ħalib huwa magħmul minn minimu ta' 660 kg f'materja niexfa ta' foraġġi li jistgħu jiġu mirgħin, imqassma fil-ħaxix, f'forma ta' ħuxlief, f'forma mnixxfa (għax-xnien biss, minħabba li t-tqassim tiegħu huwa limitat għal 132 kg ta' materja niexfa fis-sena), jew f'forma ta' ħaxix imgeżwer minħabba massimu ta' 1 kg ta' materja niexfa għal kull mogħża tal-ħalib kuljum, sakemm dan ikun fih mill-anqas 60 % materja niexfa u jkun ir-riżultat tal-ewwel ħsad taż-żoni tal-foraġġi. Il-foraġġi awtorizzati huma mniżżla f'lista pożittiva.

Is-silaġġ tal-ħaxix jew tal-qamħirrum mhux permess għan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib.

L-għalf supplimentari jammonta sa massimu ta' 40 % tan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib, jiġifieri mhux aktar minn 440 kg ta' materja niexfa annwali għal kull mogħża tal-ħalib.

L-għalf supplimentari prodott fiż-żona ġeografika jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-porzjon annwali ta' mogħża tal-ħalib, jiġifieri mill-anqas 165 kg ta' materja niexfa.

L-għalf supplimentari awtorizzat huwa elenkat f'lista pożittiva.

Huma awtorizzati biss għan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib dawk il-ħxejjex, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari minn prodotti mhux transġeniċi. It-tħawwil ta' kultivazzjonijiet transġeniċi huwa pprojbit f'kull żona ta' azjenda li tipproduċi l-ħalib maħsub għall-ipproċessar tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta 'Pouligny-Saint-Pierre".

Żdied il-paragrafu li ġej:

"5.3 L-ipproċessar tal-ġobon:

5.3.1 Ġbir tal-ħalib

Il-ħalib użat fil-manifattura tal-'Pouligny-Saint-Pierre' huwa ħalib tal-mogħoż sħiħ, mhux standardizzat u mhux omoġenizzat.

Il-ħalib tal-mogħoż ma jgħaddi minn ebda proċessar, żieda jew irtirar għajr l-operazzjonijiet li ġejjin:

— tkessiħ f'temperatura pożittiva għall-preservazzjoni,

— filtrazzjoni għat-tneħħija tal-impuritajiet makroskopiċi,

Il-ħalib tal-mogħoż użat jiġi fil-biċċa l-kbira:

— għall-Pouligny-Saint-Pierre u l-Pouligny-Saint-Pierre żgħir agrikolu: minn 2 ħalbiet konsekuttivi massimi minn ġurnata ta' produzzjoni,

— għall-Pouligny-Saint-Pierre u l-Pouligny-Saint-Pierre żgħir tal-ħalib: minn 4 ħalbiet konsekuttivi massimi minn jumejn ta' produzzjoni,

Ħalba waħda hija awtorizzata fl-aħħar tliet xhur tat-treddigħ."

Il-kundizzjonijiet għall-ħżin tal-ħalib fir-razzett ġew miżjuda biex jiġu ppreservati l-kwalitajiet tal-ħalib u jiġi limitat l-iżvilupp ta' mikroorganiżmi psikrotrofiċi li huma stess jillimitaw l-iżvilupp tal-flora naturali tal-ħalib. L-użu ta' trattamenti fiżiċi huwa strettament limitat għal dawk li ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħalib.

Il-manifattura tal-ħalib mhux ipproċessat saret obbligatorja sabiex jiġu ppreservati l-kwalitajiet tal-ħalib, b'mod partikolari dawk organolettiċi, kif ukoll il-flora oriġinali tiegħu, u b'hekk tissaħħaħ ir-rabta maż-żona.

Żdied il-paragrafu li ġej:

"5.3.2. It-tħejjija tal-ħalib:

Il-ħalib jintuża mhux ipproċessat. Jista' jiġi 'msaħħan' jekk ikun meħtieġ f'temperatura li ma taqbiżx it-22 °C qabel jiżdied it-tames.

Il-ħalib jiżdied b'kultura starter tal-aċidu lattiku jew bix-xorrox minn tbaqqit li sar qabel biex tiġi promossa l-maturazzjoni.

It-tħejjija u l-maturazzjoni tal-ħalib għat-tbaqqit iseħħu fi żmien perjodu li ma jaqbiżx l-24 siegħa wara l-aħħar ħalba."

Parametri ta' tħejjija tal-ħalib ġew miżjuda biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' flora mhux mixtieqa, meta mqabbla mal-maturazzjoni u l-karatteristiċi viżwali meħtieġa.

Is-sentenza li ġejja:

"Wara li jiżdied it-tames, il-ħalib imbagħad jitbaqqat għal 20 sa 30 siegħa skont l-istaġuni (tbaqqit semi-lattiku bil-mod)."

Ġiet sostitwita bis-sentenza:

"5.3.3. Żieda tat-tames u tbaqqit:

Il-perjodu ta' tibqit huwa ta' mill-anqas 18-il siegħa wara li jiżdied it-tames."

It-tul ta' żmien minimu ta' tibqit tnaqqas b'sagħtejn (minn 20 siegħa għal 18-il siegħa) sabiex id-deskrizzjoni tar-rotta tal-ġobon tiġi adattata għall-produzzjoni attwali li għandha t-tendenza li tiffoka mill-ġdid, għal raġunijiet prattiċi ta' organizzazzjoni tax-xogħol, fuq ritmu ta' 24 siegħa. Għall-istess raġuni, tneħħa t-tul ta' żmien massimu ta' 30 siegħa.

Żdiedet is-sentenza li ġejja:

"It-tibqit iseħħ bit-tames f'temperatura tal-ħalib ta' bejn 18 u 22 °C."

Il-parametri tal-istadji taż-żieda tat-tames u tat-tibqit ġew miżjuda sabiex ikun hemm konformità mal-prattiki attwali.

Żdiedet is-sentenza li ġejja:

"It-tisfija minn qabel hija pprojbita."

It-tisfija minn qabel twassal għal ħsara ta' dik il-baqta li mhijiex kompatibbli mad-deskrizzjoni tal-prodott.

Is-sentenza li ġejja:

"Meta l-baqta tinqata' fi blokok żgħar, din titqiegħed f'forma sabiex tinkiseb krema omoġenja bi ħbub fini".

Ġiet sostitwita bis-sentenza:

"It-tqattigħ oħxon (blokok ta' 100 mm b'100 mm) u vertikali tal-baqta huwa awtorizzat."

It-tqattigħ oħxon tal-baqta jippermetti li tiġi kkontrollata aħjar l-idrazzjoni tal-baqta waqt l-iffurmar.

Deskrizzjoni tal-forma:

Is-sentenza li ġejja:

"Id-daqs tal-forma huwa kif ġej: qiegħ ta' mhux aktar minn 6,5 cm mill-ġenb, qiegħ ta' mhux anqas minn 2,5 cm."

Ġiet sostitwita b’din:

“Il-karatteristiċi minimi tal-forom tal-Pouligny-Saint-Pierre u tal-Pouligny-Saint-Pierre żgħir:

Bażi żgħira: 30 mm mill-ġenb,

L-angolu bejn il-qiegħ u t-tarf tal-forma għandu jkun bejn 102 ° u 107 °.”

Id-daqs tal-forom ma ġiex emendat iżda jieħu mill-ġdid id-dimensjonijiet tat-test nazzjonali marbut mar-Regolamenti (KE) Nru 1107/96 u Nru 1019/2009. Dawn ġew espressi b’mod differenti sabiex ikunu iktar preċiżi fid-deskrizzjoni tas-sura piramidali tal-forma u għalhekk ta’ dik tal-ġobon. Dawn il-valuri fil-mira japplikaw għaż-żewġ forom tal-“Pouligny-Saint-Pierre”.

Żdied il-paragrafu li ġej:

“5.3.4. L-iffurmar, it-tisfija, it-tmelliħ:

L-uniċi strumenti awtorizzati għall-mili tal-forom huma l-kuċċaruni jew l-istrumenti ekwivalenti b’kapaċità ta’ anqas minn żewġ litri.”

L-uniċi strumenti awtorizzati għall-mili tal-forom huma l-kuċċaruni jew l-istrumenti ekwivalenti b’kapaċità ta’ anqas minn żewġ litri, sabiex jiġi ppreservat il-karattru tradizzjonali tal-proċess tal-iffurmar u tat-tmelliħ, u biex tiġi rrispettata l-istruttura tal-baqta.

Is-sentenzi li ġejjin:

‘Il-parti ta’ fuq tal-piramida ma għandhiex ikollha difetti, toqob jew għafsiet irregolari”. Il-baqta tibqa’ fil-forom għal madwar 24 sa 36 siegħa qabel titneħħa u jiżdied il-melħ.’

ġew sostitwiti bi:

“Il-forom singoli jew multipli u l-għenuq huma awtorizzati.

Ladarba l-forma tkun mimlija, il-baqta tiġi livellata billi tintuża baqta tal-istess jum ta’ manifattura u l-bażi tal-ġobniet tiġi llixxata bl-użu ta’ barraxa jew ta’ spatula.

It-tisfija hija spontanja. Din iddum minn 24 sa 48 siegħa wara l-bidu tal-iffurmar. It-temperatura tal-kamra tinżamm bejn 18 u 24 °C.”

Sabiex jiġi ppreservat il-karattru tradizzjonali tal-proċess tal-iffurmar, id-deskrizzjoni tat-teknika tal-iffurmar hija deskritta b’mod aktar preċiż.

Barra minn hekk, it-tul ta’ żmien tat-tisfija ġie inkluż b’tul ta’ żmien massimu ta’ 48 siegħa minflok 36 siegħa sabiex id-deskrizzjoni tar-rotta tal-ġobon tiġi adattata għall-produzzjoni attwali li għandha t-tendenza li tiffoka mill-ġdid, għal raġunijiet prattiċi ta’ organizzazzjoni tax-xogħol, fuq ritmu ta’ 24 siegħa.

Tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Għajr għall-bażi l-kbira, li tista’ tiġi mmellħa malli jseħħ il-livellar, il-ġobniet jiġu mmellħa bil-melħ niexef fi żmien 12-il siegħa wara li jitneħħew mill-forma.”

It-teknika tat-tmelliħ li tikkorrispondi għall-prattiki tal-operaturi ġiet miżjuda.

Żdiedet is-sentenza li ġejja:

“5.3.5. Tnixxif:

Wara t-tmelliħ, il-ġobniet jgħaddu minn perjodu ta’ tnixxif ta’ bejn 24 u 96 siegħa f’kamra fejn it-temperatura tinżamm bejn 12 °C u 16 °C b’rata ta’ umdità relattiva ta’ bejn 75 u 95 %.”

Minħabba li l-istadju tat-tnixxif ma ġiex deskritt fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott irreġistrata skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1107/96 u Nru 1019/2009, ġie miżjud li wara t-tmelliħ, il-ġobniet jgħaddu minn perjodu ta’ tnixxif skont ir-rekwiżiti u b’kont meħud tal-importanza tiegħu fuq il-karatteristiċi organolettiċi finali tal-prodott.

Il-parti li ġejja tas-sentenza:

“Temperatura li tippermetti maturazzjoni naturali.”

Ġiet sostitwita b’din:

“5.3.6. Maturazzjoni:

Il-maturazzjoni sseħħ f’kamra tal-maturazzjoni separata mill-kamra tat-tnixxif. It-temperatura tal-kamra tal-maturazzjoni hija bejn 9 °C u 16 °C b’rata ta’ umdità relattiva ta’ 75 sa 95 %.

Fil-każ ta' ġobniet ipproċessati fir-razzett u miġbura minn min jieħu ħsieb il-maturazzjoni, il-ġobon jinħażen u jiġi ttrasportat qabel ma jiġi mmellaħ f'temperatura pożittiva ta' bejn 7 u 10 °C. Il-ġobon jinġabar sa 72 siegħa wara t-tisfija.

Malli joħroġ mill-kamra tal-maturazzjoni, il-ġobon ikollu qoxra ffurmata u mimlija bil-moffa fil-wiċċ li tista' taraha faċilment."

Il-kundizzjonijiet ta' maturazzjoni fil-kmamar ġew miżjuda sabiex jiġu deskritti l-prattiki attwali.

Is-sentenza li ġejja:

"Il-perjodu ta' maturazzjoni huwa ta' mill-anqas għaxart ijiem fiż-żona tal-produzzjoni"

Ġiet sostitwita b'din:

"Il-Pouligny-Saint-Pierre jinħareġ mill-kamra tal-maturazzjoni mhux qabel l-għaxar jum minn meta jiżdied it-tames u jinbiegħ mhux qabel il-ħdax-il jum minn meta jiżdied it-tames.

Il-Pouligny-Saint-Pierre żgħir jinħareġ mill-kamra tal-maturazzjoni mhux qabel id-disa' jum minn meta jiżdied it-tames u jinbiegħ mhux qabel l-għaxar jum minn meta jiżdied it-tames."

Żdied ukoll li l-perjodu ta' maturazzjoni jingħadd mill-ġurnata li jiżdied it-tames sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ.

Fil-każ tal-"Pouligny-Saint-Pierre" żgħir, il-perjodu ta' maturazzjoni tnaqqas b'ġurnata minħabba t-tnaqqis fid-daqs tiegħu, li jwassal għal maturazzjoni aktar malajr.

Żdied ukoll li l-ġobniet jistgħu jinbiegħu biss mill-anqas ġurnata wara l-perjodu minimu ta' maturazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-deskrizzjoni viżwali tal-ġobniet.

Is-sentenza li ġejja:

"Il-konservazzjoni f'atmosfera mmodifikata tal-ġobniet friski jew tal-ġobniet waqt il-maturazzjoni hija pprojbita."

Ġiet issupplimentata kif ġej:

"Il-konservazzjoni f'atmosfera mmodifikata tal-ġobniet friski, tal-ġobniet waqt il-maturazzjoni, u tal-ġobniet immaturati hija pprojbita."

Żdied ukoll li l-projbizzjoni emendata tal-konservazzjoni f'atmosfera tkopri wkoll il-ġobniet immaturati sabiex jinżammu l-karatteristiċi organolettiċi tagħhom.

5.5. *Rabta*

Fir-rigward tal-intestatura dwar ir-rabta maż-żona ġeografika, din inkitbet kollha mill-ġdid biex toħroġ b'mod aktar ċar l-evidenza tar-rabta bejn il-"Pouligny-Saint-Pierre" u ż-żona ġeografika tiegħu, mingħajr ma ġiet emendata s-sustanza tar-rabta. Din id-dimostrazzjoni tenfasizza, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tal-ħalib li jippermettu l-użu ta' ħalib mhux ipproċessat adattat għall-ipproċessar tal-ġobon, li għalih huwa meħtieġ għarfien speċifiku, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-maturazzjoni. Il-punt "speċifiċità taż-żona ġeografika" jkopri l-fatturi naturali taż-żona ġeografika kif ukoll il-fatturi umani, billi jiġbor fil-qosor l-aspett storiku u jenfasizza l-għarfien espert speċifiku. Il-punt "speċifiċità tal-prodott" jenfażizza ċerti elementi introdotti fid-deskrizzjoni tal-prodott. Fl-aħħar nett, il-punt "Rabta kawżali" jispjega l-interazzjonijiet bejn il-fatturi naturali u dawk umani, u l-prodott. Ir-referenza għall-kulur abjad tal-melħ tat-tmelliħ tħassret minħabba li din ma tidhirx fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Din l-emenda saret ukoll fid-Dokument Uniku.

5.6. *Elementi speċifiċi tat-tikkettar*

Żdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Barra minn hekk, it-tikkettar jista' jinkludi l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini akkumpanjat mill-kelma 'petit' (żgħir), fil-każ tal-ġobniet iż-żgħar deskritti fil-punt 2.

Minbarra l-informazzjoni li l-ġobniet kollha jrid ikollhom fuqhom bil-liġi u l-kelma msemmija hawn fuq, l-użu ta' kwalunkwe deskrizzjoni jew indikazzjoni oħra li takkumpanja din id-Denominazzjoni ta' Oriġini huwa pprojbit fuq it-tikketta, fir-reklamar, fuq il-fatturi jew fuq id-dokumenti kummerċjali, għajr għal marki kummerċjali jew trademarks partikolari.

It-tqegħid tas-simbolu 'AOP' tal-Unjoni Ewropea huwa obbligatorju."

L-intestatura dwar it-tikkettar ġiet aġġornata biex tqis l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea.

Fid-Dokument Uniku, żdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Barra minn hekk, it-tikkettar jista' jinkludi l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini akkumpanjat mill-kelma 'petit' (żgħir), fil-każ tal-ġobon tad-daqs deskritt fil-punt 2.

Minbarra l-informazzjoni li l-ġobniet kollha jrid ikollhom fuqhom bil-liġi u l-kelma msemmija hawn fuq, l-użu ta' kwalunkwe deskrizzjoni jew indikazzjoni oħra li takkumpanja din id-Denominazzjoni ta' Oriġini huwa pprojbit fuq it-tikketta, fir-reklamar, fuq il-fatturi jew fuq id-dokumenti kummerċjali, għajr għal marki kummerċjali jew trademarks partikolari.

It-tqegħid tas-simbolu 'AOP' tal-Unjoni Ewropea huwa obbligatorju."

5.7. *Emendi oħrajn*

L-indirizz tas-servizz kompetenti tal-Istat Membru ġie aġġornat.

Fir-rigward tal-intestatura dwar ir-referenzi tal-istrutturi ta' spezzjoni, ġew aġġornati l-isem u d-dettalji tal-istrutturi uffiċjali. Din l-intestatura ssemmi d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti Franċiżi: Institut national de l'origine et de la qualité (INAO) u Direction générale de la concurrence, de la consommation et de la répression des fraudes (DGCCRF). Żdied ukoll li l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-korp taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-INAO u fuq il-bażi tad-data tal-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-intestatura dwar ir-rekwiżiti nazzjonali, żdiedet tabella bil-punti ewlenin li għandhom jiġu mmonitorjati u l-metodu ta' evalwazzjoni tagħhom.

DOKUMENT UNIKU

**"POULIGNY-SAINT-PIERRE"**

**Nru tal-UE: PDO-FR-0128-AM03 — 24.12.2018**

**DOP (X) IĠP ()**

1. **Isem il-prodott**

"Pouligny-Saint-Pierre"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott [ara l-Anness XI]*

Klassi 1.3. Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Il-"Pouligny-Saint-Pierre" huwa ġobon magħmul esklussivament mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat tal-mogħoż, b'sura ta' piramida rqiqa bit-truf regolari u bil-qiegħ kwadrat. Jinkiseb minn baqta lattika permezz ta' tibqit bil-mod u tisfija spontanja. Huwa artab u kemxejn mielaħ.

Bħala dehra esterna, dan għandu ftit moffa fil-wiċċ. Il-qoxra tiegħu hija mkemmxa, ta' lewn abjad fl-avorju b'dehra rħamata, iżda tista' tkun ukoll kemxejn kaħlanija.

Dan huwa sod mal-qatgħa. Il-ġobna nnifisha għandha dehra omoġenja u lixxa, ta' lewn abjad, li jista' jkollu sfumaturi fl-avorju. Il-konsistenza hija kremuża u tinħall fil-ħalq.

It-togħma hija bbilanċjata, mingħajr ma hija mielħa jew aċiduża żżejjed. Din għandha noti aromatiċi, b'karatteristiċi l-aktar tal-ħalib u tal-fermentazzjoni, b'noti tat-tip "mogħoż", "faqqiegħ" u "ġellewż".

Dan jiġi ppreżentat f'żewġ forom:

— il-"Pouligny-Saint-Pierre" li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta' maturazzjoni jkun ta' mill-anqas 250 gramma u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta' mill-anqas 90 gramma;

— il-"Pouligny-Saint-Pierre" żgħir li l-piż tiegħu wara l-perjodu minimu ta' maturazzjoni jkun ta' mill-anqas 150 gramma u li l-estratt niexef totali tiegħu jkun ta' bejn 55 u 85 gramma.

Il-kontenut minimu ta' xaħam huwa ta' 45 f% tal-materja niexfa.

"Il-Pouligny-Saint-Pierre" jinħareġ mill-kamra tal-maturazzjoni mhux qabel l-għaxar jum minn meta jiżdied it-tames u jinbiegħ mhux qabel il-ħdax-il jum minn meta jiżdied it-tames.

Il-"Pouligny-Saint-Pierre" żgħir jinħareġ mill-kamra tal-maturazzjoni mhux qabel id-disa' jum minn meta jiżdied it-tames u jinbiegħ mhux qabel l-għaxar jum minn meta jiżdied it-tames.

Il-ġobniet jiġu ppreżentati u jinbiegħu ġobna ġobna lill-konsumatur finali.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Sabiex tiġi żgurata rabta mill-qrib bejn iż-żona u l-prodott, mill-anqas 75 % tal-materja niexfa tal-porzjon alimentari annwali totali tal-mogħoż tal-ħalib jiġi prodott fiż-żona ġeografika. Fil-fatt, iż-żona ġeografika m'għandhiex biżżejjed riżorsi agrikoli biex tiġi żgurata n-nutrizzjoni sħiħa tal-merħliet tal-mogħoż.

Il-porzjon totali annwali ta' mogħża tal-ħalib huwa magħmul minn minimu ta' 660 kg f'materja niexfa ta' foraġġi li jistgħu jiġu mirgħin, imqassma fil-ħaxix, f'forma ta' ħuxlief, f'forma mnixxfa (għax-xnien biss, minħabba li t-tqassim tiegħu huwa limitat għal 132 kg ta' materja niexfa fis-sena), jew f'forma ta' ħaxix imgeżwer minħabba massimu ta' 1 kg ta' materja niexfa għal kull mogħża tal-ħalib kuljum, sakemm dan ikun fih mill-anqas 60 % materja niexfa u jkun ir-riżultat tal-ewwel ħsad taż-żoni tal-foraġġi. Il-foraġġi awtorizzati huma mniżżla f'lista pożittiva.

Is-silaġġ tal-ħaxix jew tal-qamħirrum mhux permess għan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib.

L-għalf supplimentari jammonta sa massimu ta' 40 % tan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib, jiġifieri mhux aktar minn 440 kg ta' materja niexfa annwali għal kull mogħża tal-ħalib.

L-għalf supplimentari prodott fiż-żona ġeografika jirrappreżenta mill-anqas 15 % tal-porzjon annwali ta' mogħża tal-ħalib, jiġifieri mill-anqas 165 kg ta' materja niexfa.

L-għalf supplimentari awtorizzat huwa elenkat f'lista pożittiva.

Huma awtorizzati biss għan-nutrizzjoni tal-mogħża tal-ħalib dawk il-ħxejjex, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari minn prodotti mhux transġeniċi. It-tħawwil ta' kultivazzjonijiet transġeniċi huwa pprojbit f'kull żona ta' azjenda li tipproduċi l-ħalib maħsub għall-ipproċessar tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Pouligny-Saint-Pierre".

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-maturazzjoni tal-ġobon jitwettqu fiż-żona ġeografika ddefinita fil-punt 4.

3.5. *Regoli speċifiċi applikabbli għat-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

It-tikkettar tal-ġobon għandu jinkludi isem id-Denominazzjoni tal-Oriġini "Pouligny-Saint-Pierre", miktub b'ittri ħoxnin b'daqs tal-anqas ekwivalenti għal żewġ terzi tad-daqs tal-akbar ittri li jidhru fuq it-tikketta. Barra minn hekk, it-tikkettar jista' jinkludi l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini akkumpanjat mill-kelma "petit" (żgħir), fil-każ tal-ġobon tad-daqs deskritt fil-punt 2.

Minbarra l-informazzjoni li l-ġobniet kollha jrid ikollhom fuqhom bil-liġi u l-kelma msemmija hawn fuq, l-użu ta' kwalunkwe deskrizzjoni jew indikazzjoni oħra li takkumpanja din id-Denominazzjoni ta' Oriġini huwa pprojbit fuq it-tikketta, fir-reklamar, fuq il-fatturi jew fuq id-dokumenti kummerċjali, għajr għal marki kummerċjali jew trademarks partikolari.

It-tqegħid tas-simbolu "AOP" tal-Unjoni Ewropea huwa obbligatorju.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-maturazzjoni għandhom isiru fiż-żona ġeografika magħmula mill-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département tal-Indre (36):

Azay-le-Ferron, Le Blanc, Ciron, Concremiers, Douadic, Fontgombault, Ingrandes, Lingé, Lurais, Lureuil, Martizay, Mauvières, Mérigny, Néons-sur-Creuse, Pouligny-Saint-Pierre, Preuilly-la-Ville, Rosnay, Ruffec, Saint-Aigny, Saint-Hilaire-sur-Benaize, Sauzelles, u Tournon-Saint-Martin.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

Il-"Pouligny-Saint-Pierre" huwa ġobon mill-ħalib tal-mogħoż mhux ipproċessat b'sura ta' piramida, b'qoxra mkemmxa ta' lewn abjad fl-avorju jew kaħlanija, miksub permezz ta' tibqit bil-mod ta' baqta lattika miksuba minn żrigħ b'kultura starter tal-aċidu lattiku jew mix-xorrox li ġej mit-tbaqqit ta' qabel. Il-konsistenza kremuża u li tinħall fil-ħalq u n-noti aromatiċi tiegħu, l-aktar tal-fermentazzjoni, huma marbuta kemm mar-regoli dwar in-nutrizzjoni tal-merħliet li jagħtu preferenza lil foraġġ partikolari miż-żona kif ukoll mal-għarfien espert speċjalizzat tal-produtturi tal-ġobon u ta' dawk li jieħdu ħsieb il-maturazzjoni.

Iż-żona ġeografika, li tinsab fil-Punent tad-département tal-Indre, madwar il-villaġġ ta' Pouligny-Saint-Pierre, hija kompletament inkluża fil-Park Naturali Reġjonali tal-Brenne. Dan huwa reġjun oriġinali ħafna, magħmul minn blat tafli tal-franka mill-Ġurassiku, limitat għat-Tramuntana miż-żoni umdi tal-Brenne u għal-Lbiċ mill-wied tal-Creuse, u li għandu mikroklima aktar sħuna u niexfa minn dik tas-setturi tal-madwar.

Din il-klima u l-ġeoloġija oriġinali ffavorixxew it-tħawwil ta' flora diversa magħmula minn siġar taċ-ċirasa, xagħri, speċi fragranti, tax-xewk u tal-ballut, sainfoin u xnien.

Il-ħamrija xaħxija u ramlija tal-Brenne tilqa' mergħat naturali bi tkabbir tard tal-ħaxix waqt li dik tal-wied tal-Creuse, ramlija, li tnixxef fis-sajf, hija aktar favorevoli għall-kultivazzjoni ta' mergħat ibbażati fuq il-ħaxix u l-legumi.

Il-fatturi naturali kollha jispjegaw li kien hemm żmien meta l-abitanti ta' dan ir-reġjun kienu involuti fit-trobbija tal-mogħoż ("il-baqra tal-fqir"), annimali b'saħħithom u ftit li xejn impenjattivi.

Minħabba li l-azjendi tal-ħalib tal-mogħoż kienu oriġinarjament żgħar ħafna, kull bidwi kien jimmanifattura ftit ġobon għall-konsum personali tiegħu. Gradwalment, dawk li jieħdu ħsieb il-ġbir u l-maturazzjoni bdew jiġbru l-ġobniet sabiex inixxfuhom u jfornuhom lid-diversi swieq ta' Pariġi, Limoges, Châteauroux, Blois u Lyon.

Il-produzzjoni mbagħad ġiet strutturata: it-trobbija kibret u l-ġbir tal-ġobniet magħmula mill-ħalib mhux ipproċessat u abbażi ta' baqta dominanti tal-ħalib ġie organizzat madwar min jieħu ħsieb il-maturazzjoni. Il-"Pouligny-Saint-Pierre" kien l-ewwel DOK tal-mogħoż li sar magħruf fi Franza fl-1972.

Illum il-ġurnata l-produtturi tal-mogħoż għadhom qegħdin jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi taż-żona, li l-potenzjal agronomiku tagħhom huwa pjuttost żgħir, biex jitimgħu l-merħliet tal-mogħoż. Dawn stabbilew sistema ta' nutrizzjoni li tgħaqqad id-diversità tar-riżorsi naturali possibbli (produzzjoni ta' foraġġ, ragħa, ħaxix tal-foraġġ, produzzjoni ta' ċereali u ta' legumi) li, flimkien ma' prattiki ta' trobbija attwali, tippermetti kontroll aħjar tal-kwalità tal-ħalib użat (kontenut ta' xaħam, kontenut ta' proteini, flora naturali tal-ħalib).

Il-manifatturi tal-ġobon jużaw għarfien espert speċifiku fil-produzzjoni tal-ġobon bl-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħalib użat, b'mod partikolari billi jippreservaw il-flora mikrobijoloġika lokali. Dawk li jieħdu ħsieb il-maturazzjoni għandhom għarfien espert biex jikkontrollaw l-iżvilupp tal-flora taż-żona f'kundizzjonijiet ta' temperatura, ta' umdità u ta' tul ta' żmien iddefiniti sew.

Għalhekk, dawn il-fatturi umani kollha baqgħu fiż-żona ġeografika sal-lum il-ġurnata.

Fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-"Pouligny-Saint-Pierre", dan huwa ġobon magħmul esklussivament mill-ħalib sħiħ u mhux ipproċessat tal-mogħoż, b'sura ta' piramida rqiqa bit-truf regolari. Il-qoxra tiegħu hija mkemmxa, ta' lewn abjad fl-avorju b'dehra rħamata, iżda tista' tkun ukoll kemxejn kaħlanija. It-togħma hija bbilanċjata, mingħajr ma hija mielħa jew aċiduża żżejjed. Il-konsistenza hija kremuża u tinħall fil-ħalq. Għandha noti aromatiċi, b'karatteristiċi l-aktar tal-ħalib u tal-fermentazzjoni, b'noti tat-tip "mogħoż", "faqqiegħ" u "ġellewż".

Ir-rabta bejn il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott u l-fatturi naturali u umani taż-żona ġeografika hija bbażata l-ewwel nett fuq il-klima u l-ġeoloġija li jispjegaw, f'dan is-settur tal-Brenne, l-eżistenza ta' artijiet agrikoli nixfin fis-sajf, li fihom, l-aħjar użu possibbli ilu għal żmien twil u jibqa' dejjem il-produzzjoni tal-foraġġ li għadha sal-lum il-bażi ta' nutrizzjoni diversa tal-mogħoż li l-ħalib tagħhom jikkontribwixxi għall-karatteristiċi tal-"Pouligny-Saint-Pierre". Billi għamlu l-aħjar użu possibbli mid-diversi tipi ta' ħamrija fiż-żona ġeografika, dawk li jrabbu fil-Brenne setgħu jipproduċu ħalib tal-mogħoż ta' kwalità għall-manifattura ta' ġobon li oriġinarjament kien maħsub għall-konsum tal-familja.

Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet ta' din il-produzzjoni oriġinarjament imwettqa fir-razzett jispjegaw l-għażla tal-użu ta' ħalib mhux ipproċessat u sħiħ u l-użu ta' teknoloġija lattika.

Il-produtturi żviluppaw ukoll forma partikolari li s-sura piramidali tagħha kienet oriġinarjament ibbażata fuq dik tal-kampnar tal-knisja ta' Pouligny-Saint-Pierre. L-użu ta' forma piramidali bil-ponta tagħti lill-ġobon il-forma oriġinali tiegħu, li hija element importanti tal-identità viżwali tiegħu, u għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-konsistenza tiegħu. Fil-fatt, l-iffurmar ta' baqta lattika f'din il-forma tradizzjonali assoċjata mat-tekniki ta' manifattura attwali li ġejjin mill-għarfien espert tradizzjonali żviluppati oriġinarjament mill-produtturi azjendali u li llum maqsuma ma' kulħadd, (żrigħ b'kultura starter tal-aċidu lattiku jew bix-xorrox minn tbaqqit li sar qabel, forma tal-baqta b'kuċċarun żgħir, tisfija spontanja u bil-mod, tmelliħ bil-melħ niexef) jippermetti li tinkiseb baqta strutturata u xxottata sew, li tagħti lill-ġobon konsistenza karatteristika kremuża u li tinħall fil-ħalq. Din il-konsistenza, kif ukoll il-karatteristiċi bbilanċjati tat-togħma tal-ġobon u tan-noti aromatiċi ddominati minn karatteristiċi l-aktar tal-ħalib u tal-fermentazzjoni, b'noti tat-tip "mogħoż", "faqqiegħ" u "ġellewż", ġew żvelati grazzi għall-kura bir-reqqa ta' min jieħu ħsieb il-maturazzjoni għal perjodu ta' mill-anqas għaxart ijiem (disat ijiem għall-"Pouligny-Saint-Pierre" żgħir), li tiffavorixxi l-iżvilupp ta' qoxra mkemmxa ta' lewn abjad fl-avorju jew kaħlanija.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://extranet.inao.gouv.fr/fichier/CDC-PoulStPierre-050919.pdf

**Avviż dwar talba li tikkonċerna l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE**

**Estensjoni tal-perjodu għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**

(2020/C 193/12)

Fit-13 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Din it-talba, magħmula minn SJ AB, tikkonċerna attivitajiet b'rabta mal-forniment tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija fl-Iżvezja. L-avviż rilevanti ġie ppubblikat fil-paġna 11 tal- ĠU C 53 fis-17 ta' Frar 2020. L-iskadenza inizjali kienet it-3 ta' Lulju 2020.

Skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza tista' tiġi estiża mill-Kummissjoni bil-kunsens ta' dawk li għamlu t-talba għall-eżenzjoni. Fid-dawl tat-talba ta' SJ AB biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali u bil-kunsens tal-Kummissjoni, il-perjodu disponibbli għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi fuq din it-talba qed jiġi estiż bi 19-il jum tax-xogħol.

Għalhekk, l-iskadenza finali tiskadi fil-31 ta' Lulju 2020.

([1]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE, ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT